# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

AWISSU / SETTEMBRU 2003 • IT-23 SENA • GĦADD 232 • NEWSPAPER POST



IT-TALBA PREFERITA TAL-PAPA

Ara paġna 10

# Werrej


3 *Il-mistrieħ mhux għażż*
*minn P. Joe Alessandro OFMCap*

4 **Mikiel, Gabrijel, Rafel**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **Il-qatra ta' l-ilma**
*minn P. Joe Galea OFMCap*

10 **It-Talba preferita tal-Papa**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

12 **Il-maħbub ta' Santa Klara ta' Assisi**
*minn Sr Marie Carmel Saliba OSC*

14 **Franġisku u l-akbar żewġ kmandamenti**
*minn P. Frans Abela OFMCaps*

15 **Anke fil-futbol nista' nixbah lil Kristu**
*minn Keith Spiteri GiFra*

16 **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (7)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

18 **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

19 **Mitt sena mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù**
*minn Sr. Susanna Camilleri DSH*

20 **Via Sagra missjunarja**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

23 **Il-Kapuċċini f'Għajn Dwieli, Raħal Ġdid Ħidma ta' 50 sena**
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

26 **Aħbarijiet**

27 **Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin**

28 **Veronique**
*minn Jeanette Falzon*

30 **Klara ta' Assisi**
*minn Sr Marie Carmel Saliba OSC*

30 **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap*

31 **Mid-disco għall-kunvent**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*




















**DAWL FRANĠISKAN**

**AWISSU/SETTEMBRU 2003**
**It-23 sena • Għadd 232**




**Qoxra 1:**
***Il-Papa fuq sfond tal-pittura tal-Madonna bil-Bambin (Sassoferrato, 1650), u s-santwarju tal-Madonna ta' Loreto fejn hemm id-dar tal-Madonna, afdat f'idejn il-Franġiskani Kapuċċini.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland ofs
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidħrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

EDITORJAL

minn P. Joe Alessandro OFMCap

# Il-Mistrieħ mhux Għażż

Is-sajf huwa żmien li matulu nieħdu aktar mistrieħ minn żmien ieħor ta' matul is-sena. U dan bir-raġun. Il-klima ta' matul is-sajf, hawn Malta, hija waħda sħuna ħafna mhux biss bin-nhar, meta x-xemx tkun taħraq, iżda wkoll matul l-iljieli sajfin. Allura l-fiżiku tagħna jgħejja aktar malajr u għalhekk ikollna bżonn li nistrieħu aktar.

Il-mistrieħ huwa importanti ħafna mhux biss fiżikament, jiġifieri għall-ġisem, iżda wkoll psikoloġikament biex ma nimtlewx b'ħafna tensjoni, emozzjonalment biex is-sħana ma titlgħalniex għal rasna, kif ukoll spiritwalment biex inkunu nistgħu ninġabru ftit fina nfusna u ma naqtgħux il-kuntatt minn mal-Mulej. Il-fidi m'għandhiex vaganzi.

Il-mistrieħ għandu bżonnu kulħadd. Għat-tfal, il-mistrieħ fis-sajf huma l-vaganzi mill-iskola. Aktar ma' wiedna jkunu qed jikbru u javvanzaw fl-istudji tagħhom aktar jeħtieġu żmien ta' mistrieħ. Biex il-vaganzi jservuhom ta' għajnuna, ħalli jerġgħu jsibu bilanċ, tajjeb li dawn ix-xhur ikunu b'ċertu programm. L-għażż u d-diżorjentament ma huma ta' l-ebda għajnuna, anzi jistgħu jfixklu u jwasslu għal ċerta apatija li mbagħad trid tintrebaħ b'ħafna sforzi biex wieħed jerġa' jirranka wara l-vaganzi.

Illum jeżistu diversi opportunitajiet biex kemm it-tfal kif ukoll l-istudenti żgħażagħ ma jaħlux il-vaganzi u jiddejqu għax ma jkunux jafu x'ser jaqbdu jagħmlu. Għaż-żgħar jeżistu s-*summer schools* kważi f'kull lokalità organizzati jew mill-istat jew mill-parroċċa.

L-istudenti żgħażagħ jistgħu jingħaqdu ma' gruppi oħra ta' żgħażagħ fi programmi ta' volontarjat li, barra li jgħinu bil-ħidma li jwettqu, ikunu fl-istess ħin qegħdin iħaddmu t-talenti tagħhom u jiskopru l-valur ta' ħidma flimkien li jgħinhom jibnu l-karattru tagħhom. L-għażż, għaż-żgħażagħ, jista' jkun ta' periklu kbir li faċilment iwassalhom għal ċerti abbużi.

Għall-adulti wkoll huwa meħtieġ il-mistrieħ u aktar ma jkun meħud bil-ħsieb aktar jgħinhom jirrilassaw kemm huma kif ukoll il-familja kollha. Jiem ta' mistrieħ fis-sajf joffrulna l-opportunità biex ingawdu aktar lill-oħrajn fil-familja - ħaġa li forsi matul is-sena, bil-ħafna pressjoni ta' xogħol, mhux dejjem insibu ħin biex inqattgħuh ma' l-oħrajn. Ġranet jew ħin ta' mistrieħ flimkien huwa importanti ħafna biex jissaħħu r-relazzjonijiet ma' l-oħrajn f'atmosfera kalma u rilassanti.

Il-mistrieħ huwa mod ta' rikreazzjoni, jiġifieri jgħinna biex nerġgħu nieħdu l-ħajja mill-ġdid - *ricreare*, toħloq mill-ġdid.

Nawguralkom jiem ta' mistrieħ tassew! ❑



minn P. Donat Spiteri OFMCap

# Mikiel Gabrijel Rafel

***Fil-Bibbja jissemmew l-arkanġli San Mikiel, San Gabrijel u San Rafel. M'għandix dubju fuq l-eżistenza tagħhom, imma għandi l-kurżità fuq l-ismijiet tagħhom. Min tahom dawn l-ismijiet, il-bnedmin jew kienu rrivelati mis-sema?***



Sewwa ngħidu li m'għandniex dubju fuq l-eżistenza ta' l-anġli. "L-eżistenza ta' ħlejjaq spiritwali mingħajr ġisem, li l-Iskrittura Mqaddsa s-soltu ssejjaħ anġli, hi verità tal-fidi." Dan hu tagħlim tal-Knisja tagħna (ara *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n 328). Din il-verità hi bbażata fuq l-Iskrittura u fuq it-tradizzjoni.

L-awturi tal-Kotba Mqaddsa, mill-eqdem kotba sa ta' l-aħħar, jitkellmu ħafna drabi fuq l-anġli u jagħtuna x'nifhmu li kienu jemmnu fihom, għalkemm f'xi każijiet juruhom bħala figuri simboliċi tal-ħidma providenzjali ta' Alla fost il-bnedmin. Imma ma jsemmuhomx b'isimhom jekk mhux f'xi wħud mill-kotba ta' l-aħħar żmien fil-Ktieb ta' Danjel (ħabta tas-sena 150 QK), fil-Ktieb ta' Tobit (fit-Tieni Seklu QK), fl-Evanġelju ta' San Luqa, fil-Ktieb ta' l-Apokalissi u fl-Ittra ta' Ġuda. Hu biss f'dawn il-kotba li l-anġli jissemmew bl-ismijiet ta' Mikiel, Gabrijel u Rafel.

Dan ifisser li l-ismijiet ta' dawn it-tliet anġli ġew minn tradizzjoni li dehret tard ħafna fost il-Lhud. Hekk ukoll it-titlu ta' "arkanġlu" li jingħatalhom u ta' l-istess żmien. Dan it-titlu jfisser li Mikiel, Gabrijel u Rafel fit-twemmin tal-poplu kienu meqjusin bħala kapijiet uffiċjali ta' l-eżerċtu ta' l-anġli tal-Mulej (Dan 10, 13; 12, 1; Apok 12, 7). Imma fil-Bibbja hu Mikiel biss li jissejjaħ "arkanġlu", u darba biss, fl-Ittra ta' Ġuda, fil-vers 9.

Meta nkitbu dawn il-Kotba Mqaddsa li fihom jissemmew dawn it-tliet anġli, isimhom kien magħruf ħafna fost il-poplu Lhudi. Fuqhom il-Lhud ta' dak iż-żmien kellhom ħafna rakkonti leġġendarji. Dan nafuh mill-kotba apokrifi ta' l-istess żmien, l-aktar mill-ktieb imsejjaħ l-Assunzjoni ta' Mosè u mill-ktieb ta' Enok; it-tnejn kienu popolari ħafna fil-Ġudaiżmu ta' dak iż-żmien.

Dak li jgħidulna l-awturi sagri tal-kotba tagħna fuq Mikiel, Gabrijel u Rafel jaqbel ħafna ma' dak li nsibu fuqhom fil-kotba apokrifi u li fuqhom kienu jemmnu l-Lhud ta' dak iż-żmien. Nistgħu ngħidu li l-awturi tagħna nqdew b'dawn l-ideat u konċetti popolari biex ifissru l-ħsieb tagħhom tal-messaġġ li fehmu jwasslu lill-poplu f'isem il-Mulej Alla.

It-tliet arkanġli isimhom magħhom u jfisser il-missjoni tagħhom. Mikiel - *mika'el*, "min bħal Alla?" Hekk hu ppreżentat fit-testi bibliċi u apokrifi, bħal dak is-suldat qalbieni li jiddefendi l-interessi tas-sultan tiegħu. Fil-ktieb ta' Danjel, Mikiel hu l-prinċep ta' Iżrael, il-poplu ta' Alla, li jitqabad bil-qawwa kontra l-prinċep tal-Persja (10, 13. 20-21; 12, 1). Fl-Ittra ta' Ġuda jeħodha max-xitan fuq il-kwistjoni tal-ġisem ta' Mosè (Ġuda 9). Fl-apokalissi hu l-ġeneral il-kbir li jmexxi l-eżerċtu ta' l-anġli fil-ġlieda kontra d-dragun u l-anġli l-ħżiena tiegħu. Hekk l-awturi sagri juru lil Mikiel qed jiġġieled għal Alla u jiddefendi l-kawża tiegħu. U lill-għedewwa bħallikieku jċanfarhom u jgħidilhom: Min hu bħal Alla? Ismu jfisser tassew il-missjoni tiegħu.

Gabrijel - *gabri'el*, "Alla b'saħħu". Hu aktar ippreżentat bħala messaġġier ta' Alla li jħabbar lill-

bnedmin il-pjanijiet tiegħu. Hekk deher u ħabbar lil Danjel (9. 21). Imma jissieħeb ukoll ma' Mikiel b'qawwa kbira kontra l-għedewwa tal-poplu ta' Alla (10, 13; 12, 1). Is-sens ta' ismu jaqbel aktar ma' dan ix-xogħol tas-saħħa u l-qawwa ta' Alla. Imma Gabrijel hu b'mod speċjali l-messaġġier tal-bxara t-tajba tal-Mulej. Hekk nafuh sew mir-rakkonti tat-tħabbira tat-twelid ta' Ġwanni l-Battista lil Żakkarija (Lq 1, 11-20) u tat-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Marija (Lq 1, 26-38).

Rafel - *refa'el*, "Alla jfejjaq". Hu l-anġlu tal-Ktieb ta' Tobit. Hekk hu ppreżentat f'dan il-ktieb bħala l-benefattur kbir mibgħut minn Alla biex jieħu ħsieb Tobit u l-familja tiegħu fil-ħafna bżonnijiet li kellhom. Fost dawn, il-fejqan mill-mard (11, 1-5) u t-tkeċċija tax-xjaten (8, 1-3). Rafel ismu miegħu tassew.

Tibqgħalna dejjem il-kurżità li nistaqsu: x'hemm veru f'dawn l-istejjer? Aktar milli nkunu kurjużi fuq il-verità storika ta' dawn it-tliet anġli, aħjar naraw xi tfisser għalina l-preżenza letterarja tagħhom fil-Kotba Mqaddsa li fihom jissemmew. Hemm insibu żgur fihom il-verità tal-messaġġ tagħhom. Humiex persunaġġi storiċi jew le nistgħu nkunu nafu mill-forma letterarja tal-ktieb jew ta' dik il-parti tiegħu li fiha jidħlu.

Kif nafu, il-partijiet tal-letteratura biblika li fihom jissemmew huma kollha tal-forma apokalittika (Danjel, Apokalissi, Ġuda) jew midraxika (ir-rakkonti tad-dehriet fl-Evanġelju ta' Luqa) jew huma storja fittizja (Tobit). L-awturi sagri ta' dawn il-kotba, kif inqdew bl-istil tal-forma letterarja li għoġobhom jagħżlu, daħħlu wkoll f'dawn il-partijiet il-figuri fittizji ta' dawn l-anġli bl-ismijiet simboliċi tagħhom. Ma daħħluhomx għall-gost letterarju, iżda biex



bihom iwasslu l-messaġġ ta' tagħlim għalina. Dan fuq kollox għandna nfittxu li nagħrfu u nifhmu.

Bil-figuri sbieħ tat-tliet arkanġli l-awturi sagri fehmu jfissru l-interess li Alla għandu fina u għalina l-bnedmin. Alla jħobbna u jieħu ħsiebna, jidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna u jaħdem dejjem għas-salvazzjoni tagħna, ukoll jekk jinqeda bl-anġli jew bil-bnedmin ħutna.

Mikiel, Gabrijel u Rafel huma personifikazzjoni tal-ħidma salvifika ta' Alla għalina l-bnedmin. Alla jiddefendina u jħarisna mill-għedewwa tagħna; jgħarrafna l-misteri u l-verità tiegħu; ifejjaqna mill-mard u l-miżerji tagħna.

Mikiel, Gabrijel u Rafel b'isimhom u b'ħidmiethom jgħarrfuna minn hu Alla u xi jfisser għalina l-bnedmin. ❑

*Fil-kalendarju liturġiku il-festa ta' l-Arkanġli Mikiel, Gabrijel u Rafel issir fid-29 ta' Settembru.*

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

### Meta Alla jiskot

P. Martin Micallef OFMCap għadu kemm ippubblika ktieb ġdid bl-isem ta' "Meta Alla jiskot", li jiġbor fih spunti fuq xi kelma jew idea partikulari meħudin mis-siltiet tal-Evanġelju tal-Ħdud tas-Sena A. L-awtur, permezz ta' din il-kitba, jirnexxilu juri kemm huma sbieħ ċerti dettalji mill-Evanġelju u li faċilment jaqbżulna aħna u naqrawhom. Il-ħsieb ta' P. Martin huwa li joffri lill-qarrejja riflessjonijiet, li jistgħu jitfgħu iżjed dawl fuq is-silta ta' l-Evanġelju tal-Ħadd, aktar milli omeliji. Jalla dan il-ktieb iservi ta' kontribut ieħor li jkompli jgħin lil dawk kollha li jixtiequ jinnamraw aktar mal-Kelma ta' Alla. Din il-pubblikazzjoni, ta' 125 paġna, hija n-numru 86 fis-Sensiela Klabb Qari Nisrani u ġiet stampata fil-*Media Centre*, Blata l-Bajda.




### Għalik Imxennaq Jiena

Wara l-pubblikazzjoni tal-kiteb tiegħu "Ruħi għatxana għalik" (1993), P. Wiġi Saliba OFMCap qed jerġa' jippubblika x-xogħol tiegħu taħt isem ieħor "Għalik imxennaq jiena" b'żidiet ta' artikli ġodda.




L-awtur tal-ktieb dejjem fittex li jidħol fi ħbiberija ma' l-għerf tas-sema, l-ewwel bħala socju impenjat tal-Museum u mbagħad bħala saċerdot Kapuċċin.

Il-ktieb huwa ta' valur kbir għax ma nkitibx fuq l-iskrivanija biss, imma ħareġ mill-interjorità spiritwali u appostolika ta' P. Wiġi Saliba OFMCap.

Dan ix-xogħol, ta' 246 paġna, huwa pubblikazzjoni oħra tal-Franġiskani Kapuċċini u ġie mitbugħ mill-P.E.G. Ltd, San Ġwann.

minn P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-Ħajja



***Qegħdin fis-sajf. Ma tantx huwa żmien ta' riflessjoni. Huwa pjuttost staġun ta' ħafna ġiri barra: safar, għawm, ħruġ sa tard filgħaxija, villaġġjatura ... Madankollu rridu nsibu ħin anki f'dan iż-żmien biex ninġabru ftit, naħsbu fuq dak li qed jiġri madwarna u nitgħallmu dejjem kif nibnu ħajjitna aħjar.***

## 1 IL-MODESTJA MHUX MODA

Fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha hawn diversi valuri tradizzjonali li huma fi kriżi. Fosthom tinsab f'sitwazzjoni mwiegħra l-virtù sabiħa tal-modestja. Din saret kwalità morali li mhi kkalkulata xejn. Ħafna tilfu s-sbuħija u l-preġju tagħha, jiddispjaċini ngħid. Qiegħed nistqarr hekk minħabba l-fatt li din il-virtù, frott ta' l-Ispirtu s-Santu, hija konsegwenza loġika ta' virtù oħra li nsejħulha temperanza. Din, min-naħa tagħha, hi waħda mill-erba' virtujiet kardinali (ġustizzja, prudenza, qjies u fortezza). Ngħidulhom hekk għax minnhom tiddependi qatigħ il-ħajja nisranija tagħna. Il-kelma Latina *cardis* bil-Malti tfisser ċappetta. Nafu biżżejjed x'inhu xogħol dan l-oġġett tal-ħadid.

Illum il-ġurnata isem il moda hu 'Inża' kemm tiflaħ', jew 'Min jikxef l-iżjed'. Fil-fatt, ma għadniex ngħidu: "Ara kif qed jilbsu!", imma "Ħares kif qegħdin jitperrċu!" U veru!

Il-moda tal-mument hi *halter neck*, *hot pants*, ċingi, skollaturi u *midriff*. Dwar din ta' l-aħħar, it-tobba qegħdin jgħidu li min qed jidra jilbes, sajf u xitwa, qaddu barra, la jikber, aqta' x'artrite se jbati biha!

Dan l-ilbies qed narawh is-sena kollha imma l-iżjed naturalment matul is-sajf. Dan il-mod ta' lbies issa ndara u hawn qiegħed il-gwaj morali tas-sitwazzjoni. Xi wħud daħħluha sew f'rashom li l-moralità mhix qiegħda fil-mod kif tilbes jew ma tilbisx imma f'valuri oħrajn. Xi wħud iħambqu li persuna għandha tilbes kif jogħġobha, basta tkun qalbha tajba ma' l-oħrajn. Dawn it-talin qegħdin jinsew prinċipju morali importanti ħafna. Jgħid hekk: *"Bonum ex integra causa, malum ex quacumque defectu."* Bil-Malti jiġi hekk: "Il-ħaġa tkun tajba tassew meta tkun sħiħa minn kull naħa."

Mur ġieb illum lil Santa Vibia Perpetwa u 'l Santa Marija Goretti (1890-1902), it-tnejn martri! L-ewwel waħda ta' tnejn u għoxrin sena ħadet il-mewt ġewwa Kartaġni matul il-persekuzzjoni ta' Settimju Severu fis-sena 203. Meta sabet ruħha fl-anfiteatru, baqra selvaġġa sparatha fl-ajru. Stabtet ma' l-art, reġgħet qamet fuq saqajha u ndunat li kuxtejha kienu jidhru. Malli ntebħet b'dan, iżjed kien moħħha li tinsatar milli tagħti kas ta' l-uġigħ kbir li kienet qed tħoss, malli sabet ruħha f'dawk il-kundizzjonijiet ta' ħruxija kbira.

It-tfajla ta' kważi tnax-il sena minn Corinaldo, waqt il-martirju tagħha f'Nettuno, biex tħares il-virtù tas-safa, għamlet l-istess ħaġa li għamlet il-qaddisa ta' qabilha. Alessandru (Lisa) Serenelli, il-qattiel, waqt ix-xhieda li kien ta meta beda jinġabar tagħrif għall-kawża tal-beatifikazzjoni tat-tfajla Goretti, kien stqarr: "Waqgħet fl-art imgħarra f'demmha; waqt li ħsiebha kien aktar li tiġbor ħwejjiġha madwarha milli teħles mid-daqqiet ta' l-istallet..."

Kemm morna 'l bogħod minn din l-imġiba qaddisa! Mhux li kien li ħafna tfal bniet, tfajliet, xebbiet u nisa miżżewġin jerġgħu jiskopru s-siwi tal-modestja fl-ilbies, kwalità morali li tagħmilhom tassew eleganti!

***Mulej, fehemni l-kobor tal-modestja fl-ilbies f'dinja li ma tridx taf biha iżjed.***

## 2 XARABANKS B'RIKLAMI KBAR FUQ WARA

Ir-riklami ħadu sew kullimkien. Mhux fuq il-gazzetti u t-telvixin biss, imma saħansitra fuq il-mezzi tat-trasport, kemm karozzi tal-linja kif ukoll *couches*. Dawn ir-riklami, iżda, ma għadekx tarahom biss ġewwa l-mezzi pubbliċi li semmejt, imma man-naħat u issa, terġa' u tgħid, mal-faċċata kollha kemm hi ta' wara tagħhom.

Xi wħud minn dawn l-*advertisements* (*road block back*) huma onesti. Oħrajn huma diżonesti. L-istampi li jirrappreżentaw huma sfaċċati mhux fl-ilbies imma anki fil-pożizzjonijiet jew fil-ġesti.

Hawnhekk mhux se noqgħod nitkellem mill-oġġezzjonabbiltà morali ta' ċerti riklami. Hawnhekk irrid nitkellem mill-periklu serju li dawn ir-riklami jistgħu joħolqu fis-sewqan. Jekk qegħdin jaljenaw passiġġieri u turisti mela kemm jistgħu jagħmlu hekk lis-sewwieqa ta' dawn it-trakkijiet? Jekk din il-ħaġa jikkaġunawha meta jkunu riklami indifferenti moralment, mela kemm iżjed jagħmlu hekk meta jkunu riklami li jiġbdu iżjed l-għajnejn, għax juru xeni sesswali jew insinwattivi erotikament?

Il-Kanada, man-naħat tat-toroq, hemm tabelli kbar bil-kelmiet fuqhom *Mind the road not the girls*. Naħseb li fil-każ tagħna se jibda jkollna bżonn *bill boards* bil-kelmiet: "Moħħok fis-sewqan u mhux fir-*road block backs*!"

Min hu responsabbli mis-sewqan pubbliku qed jagħti kasu dan il-periklu ġdid li qiegħed jinħoloq fuq it-toroq tagħna jew le?

***Mulej, agħmel li, bħala sewwieq, inkun iżjed moħħi fis-sewqan milli fil-frugħa tad-dinja li tista' tidher quddiemi u titlifli rasi!***



## 3 PETER PAN'S SYNDROME

Sir James Barrie (+1937), novellista u drammatista, kien kiteb il-play *Peter Pan, or the boy who wouldn't grow up*. Dan l-eroj fittizju qatt ma kiber f'ħajtu, jew aħjar



qatt ma ried jikber. Dejjem xtaq jibqa' irresponsabbli, bħal tifel żgħir, quddiem dak kollu li kienet titlob il-ħajja minnu.

Hawn ċerti miżżewġin li nħakmu mis-*sindrome* ta' Peter Pan li narawh fuq l-iskrin taċ-ċinema, jew tat-televixin, meta jiġu trasmessi ċerti produzzjonijiet li jsaħħru bħal dawk ta' Walt Disney (1901-66).

Bil-kelma Griega *'sindrome'* nifhmu diversi sintomi li flimkien juru li hemm xi marda jew kondizzjoni anormali partikulari.

X'ninnutaw fil-miżżewġin li għadni kemm semmejt? Nosservaw li dawn, flok iżżewġu u nbidlu fl-atteġġjamenti u l-imġiba tagħhom u saru responsabbli ta' għemilhom, iżżewġu u baqgħu jgħixu daqslilkieku ma żżewġu xejn, bla responsabbiltà ta' xejn. Baqgħu qishom *single*. Kienu joħorġu regolarment ma' żgħażagħ u baqgħu jagħmlu l-istess, saħansitra joħorġu ma ħbiebhom bl-għarus jew bl-għarusa magħhom. Kienu jmorru spiss Paceville u baqgħu jmorru hemm. Tarahom iqattgħu sigħat twal fil-*gym*. Kienu b'subgħajhom mimlijin ċrieket u baqgħu hekk. F'kelma waħda, baqgħu, kif ngħidu bil-Malti, moħħ ir-riħ.

Il-mentalità li trid tibqa' dgawdi meta inti issa żżewwiġt hija perikoluża ħafna fiż-żwieġ, iżjed u iżjed meta l-parti l-oħra tkun persuna matura, taf għalxiex daħlet meta żżewġet. Is-sinjali u s-sintomi li jikxef is-sindromu li tkellimt dwaru jistgħu jisfrattaw l-għaqda ta' bejn tnejn minn nies li jkunu ħadu lil xulxin bi żwieġ. Meta wieħed/waħda jiżżewġu ma jistax ikun li jibqgħu tifel/tifla, żagħżugħ/żagħżugħa. iridu jikbru emozzjonalment. Iż-żwieġ jitlob ħafna serjetà. Il-ħajja ta' qabel suppost tkun għaddiet u daħlet flokha ħajja oħra, ħajja ta' impenn.

***Mulej, agħmel li nkun kapaċi nrabbi l-għaqal almenu malli nżżewweġ!***

minn P. Joe GALEA OFMCap

# Il-Qatra ta' l-ilma

L-ilma huwa xi ħaġa essenzjali ħafna għall-bniedem. Mingħajr ilma ma ngħixux. Ħadd minna ma jaqagħlu l-ħsieb f'rasu, hawn Malta, li mhux ser isib ilma x'jixrob. Hawn Malta nsibu l-kumdità li nifthu l-vit u nsibu l-ilma. Ħaġa oħra hi li, bħala pajjiż, aħna mdawrin bl-ilma. Iżda mhux kullimkien huwa hekk.

Il-belt ta' Hola, fil-Kenja, hija post fejn kull qatra ilma tgħodd. L-ilma jinsab biss fix-xmara, u għalhekk in-nies bnew irħula qrib ix-xmara biex in-nuqqqas ta' ilma ma jkunx problema. Imma dawn l-irħula mhumiex ħafna qrib ix-xmara peress li xi drabi din ix-xmara tfur u ġġor magħha dak kollu li ssib quddiemha. Allura l-irħula jinsabu xi tliet kilometri 'l bogħod mix-xmara. L-ilma tax-xmara jintuża min-nies biex jixorbu minnu, jsajru bih, jaħslu l-ħewweġ fih, jisqu l-imrieħel tagħhom kif ukoll isaqqu l-għelieq bih. Ġo Hola x-xita tagħmel ftit wisq u għalhekk xi drabi, speċjalment fi żmien in-nixfa, ikun hemm ġlied bejn it-tribujiet minħabba l-ilma, għax kemm ir-rgħajja kif ukoll il-bdiewa jkollhom bżonn l-ilma.

Forsi f'Malta, il-flus, jew id-djar sbieħ, jew pożizzjoni tajba, huma prezzjużi ħafna, imma għan-nies ta' Hola l-ilma huwa l-aktar ħaġa prezzjuża.

Minħabba li t-temp tbiddel u saru xi dammijiet għall-elettriku, 'il fuq fix-xmara, allura issa x-xmara mgħadhiex tfur b'mod naturali bħal qabel. Qabel, meta kienet tfur, kienet issaqqi l-għelieqi kollha u, wara, il-bdiewa kienu biss jiżirgħu, u l-prodott jitla' waħdu. Imma issa l-bdiewa qegħdin ibatu ħafna għax mgħandhomx biex isaqqu l-għelieqi tagħhom u xita mhemmx biżżejjed.

Aħna bdejna ngħinu lin-nies biex jingħaqdu fi gruppi żgħar ta' bdiewa, li għandhom l-għelieqi flimkien, biex nixtrulhom pompi ta' l-ilma, bl-għajnuna tal-benefatturi, ħalli jkunu jistgħu jtellgħu l-ilma sa l-għelieqi tagħhom. Dan il-proġett qiegħed jirnexxi u bħalissa hemm ħafna pompi li qegħdin jintużaw għat-tisqija. Għar-rgħajja qegħdin nagħmlu dammijiet bl-għajnuna tal-*Catholic Relief Services*, li jkunu jistgħu jilqgħu l-ilma tax-xita u hekk jiffurmaw għadajjar li minnhom ikunu jistgħu jixorbu l-annimali.

Għeżież benefatturi, kull min jagħti qatra ilma lil min hu bil-għatx ikun qed jagħtiha lil Kristu stess. Nirringrazzjakom mill-qalb f'isem dawn il-familji kollha li qed jieħdu dan il-profitt mill-għajnuna tagħkom. Jiena nħeġġeġ lilkom benefatturi u ħbieb tal-missjoni biex tkomplu titolbu għalina ħalli x-xogħol tagħna, kemm dak pastorali kif ukoll dak soċjali, jibqa' jagħti l-frott. ❑



SEMINARY READING ROOM

# Inawgurazzjoni ta' proġett ġdid għall-ilqugħ ta' l-ilma

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2003, P. Spiro Galea OFMCap *(ritratt xellug)*, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Garissa, fil-preżenza ta' Mr. David Donovan mill-*Catholic Relief Services (CRS)* u Mr. Athman Shauri, id-*District Commissioner* tat-*Tana River District*, bierek u inawgura proġett ġdid għall-ilqugħ ta' l-ilma fl-inħawi ta' Bilbil Shule, madwar 80 kilometru 'l isfel minn Garissa. Dan il-post huwa art nixfa ħafna u mbiegħda. In-nies tal-lokal huma rgħajja mit-tribù Orma u n-nuqqas ta' ilma huwa wieħed mill-akbar problemi li għandhom.



Ix-xogħol fuq dan il-proġett, li dam sejjer 18-il xahar, magħmul mill-istess ramel u ħamrija, ġie ffinanzjat mid-Djoċesi ta' Garissa, bl-Isqof Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, f'kollaborazzjoni mas-*CRS*.

Minn dan il-proġett ser jibbenefikaw madwar 1,150 ruħ u 3,275 mogħoż, baqar u iġmla. Dan huwa t-8 wieħed ta' din l-għamla, minbarra s-77 bir/spira, li tħaffru mid-Djoċesi ta' Garissa fin-*North Eastern Province* u fit-*Tana District*.

Il-Knisja Kattolika fid-Djoċesi ta' Garissa, permezz ta' dawn il-proġetti, qed iżżomm rabta mill-qrib mal-komunità Musulmana f'dawk l-inħawi u turihom interess fil-bżonnijiet tagħhom.

## Ordinazzjoni saċerdotali f'Garissa



Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof ta' Garissa fil-Kenja, ordna saċerdot ġdid lil Fr. Alfred Murithi Njeru, saċerdot djoċesan fid-djoċesi ta' Garissa. L-ordinazzjoni saret fil-katidral ta' Garissa ddedikat lill-Madonna tal-Konsolata, nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju, wara li Fr. Alfred kien ilu sena jaħdem pastoralment f'Garissa u li matulha ġie ordnat djaknu mill-istess isqof f'Settembru 2002.

Waqt l-omelija tiegħu Mons. Darmanin fakkar lil Fr. Alfred li sitt ġimgħat qabel, waqt il-funzjoni tal-Għid, kien kanta għal tliet darbiet: "Id-dawl ta' Kristu", u ħeġġu biex qatt ma jiċħad dan id-dawl u biex hu stess ikun dawl għall-oħrajn.

Nifirħu u nawguraw lil Fr. Alfred ħidma pastorali b'riżq in-nies ta' Garissa u għajnuna lill-Isqof tiegħu Mons. Darmanin.



## Missjunarji fostna

**P. Publius Mair OFMCap,** wara kważi sentejn li kien mar lura lejn il-Kenja biex għal darb'oħra jwettaq ħidma missjunarja, issa ser jiġi jżurna għal nofs Awissu. P. Mair ġie magħżul bħala wieħed mill-kunsilliera tal-Viċi Provinċjal fil-bidu ta' din is-sena. Nilqgħuh fostna u nawgurawlu jiem ta' mistrieħ.

minn P. Martin Micallef OFMCap



*L-Udjenza Ġenerali (16/10/02) li fiha l-Papa ddikjara is-Sena tar-Rużarju u ffirma l-Ittra Appostolika Rosarium Virginis Mariae.*

# It-Talba preferita tal-Papa

Fis-16 t'Ottubru 2002, il-Papa Ġwanni Pawlu II iffirma l-Ittra Appostolika li ġġib l-isem ta' *Rosarium Virginis Mariae*, (RVM) jiġifieri, "Ir-Rużarju tal-Verġni Marija." Dan l-isem, meħud mill-ewwel tliet kelmiet ta' din l-Ittra sabiħa, jurina li din titkellem kollha kemm hi fuq It-talba tar-rużarju.

F'din l-Ittra Appostolika jispikkaw żewġ proposti tal-Papa. L-ewwel, il-Papa ddikjara "bħala s-Sena tar-Rużarju s-sena minn Ottubru 2002 sa Ottubru 2003" (RVM 3). L-iskop ta' dan, jispjega l-Papa, hu li "inħeġġeġ ħalli nikkontemplaw il-wiċċ ta' Kristu f'għaqda ma' l-Imqaddsa Ommu u fl-iskola tagħha" (RVM 3). Dan għaliex, jispjega l-Papa "ir-rużarju, misjub mill-ġdid fit-tifsira sħiħa tiegħu, iwassal għall-qalba tal-ħajja nisranija u joffri opportunità ... għall-kontemplazzjoni personali, il-formazzjoni tal-poplu ta' Alla, u l-evanġelizzazzjoni ġdida" (RVM 3).

It-tieni proposta tal-Papa f'din l-Ittra Appostolika, insibuha fin-n.19. Hawn, il-Papa introduċa dawk illi huwa sejħilhom "il-misteri tad-dawl" li għandhom jiżdiedu mal-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja li diġà hemm fit-talba tar-rużarju. "L-iskop taż-żjieda ta' dawn il-misteri l-ġodda", jgħid il-Papa, hu li tingħata "ħajja ġdida u tkebbes ħrara ġdida fil-posti tar-rużarju fil-ħajja spiritwali nisranija" (RVM 19). Il-kontenut ta' dawn il-ħames misteri tad-dawl, marbutin ilkoll mal-ħajja pubblika ta' Ġesù, insibuh fin-n.21 ta' din l-Ittra Appostolika.



1. Il-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan.
2. Meta Ġesù wera min kien fit-tieġ ta' Kana.
3. Ix-Xandir tas-Saltna ta' Alla huwa u jsejjaħ għall-indiema.
4. It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.
5. It-twaqqif ta' l-Ewkaristija, bħala espressjoni sagramentali tal-Misteru ta' l-Għid.

Permezz ta' l-introduzzjoni ta' dawn il-misteri tad-dawl, nistgħu issa tassew ngħidu li "ir-rużarju, għalkemm ta' xejra ċara Marjana, fil-qalba tiegħu huwa talba Kristoċentrika" (RVM 1). Dan għaliex ir-rużarju "jħaddan il-qofol kollu tal-messaġġ ta' l-Evanġelju, li tiegħu nistgħu ngħidu li huwa ġabra fil-qosor" (RVM 1).

Sabiħ ħafna kif il-Papa jitkellem fuq ir-rużarju f'din l-Ittra Appostolika. Fin-n.1 il-Papa jsemmi lista twila ta' dak li hu r-rużarju. Huwa jsejjaħlu "talba maħbuba minn għadd bla qjies ta' qaddisin"; "talba ta' tifsira kbira, bil-għan li jġib frott ta' qdusija"; "ġabra fil-qosor ta' l-Evanġelju"; "l-eku tat-talba ta' Marija, il-Magnificat dejjiemi tagħha."

Minn din il-lista, il-Papa f'dan l-istess numru 1, jgħaddi biex jagħti lista oħra ta' x'jagħmol ir-rużarju fil-ħajja ta' l-insara. Bir-rużarju, jgħid il-Papa, "il-poplu nisrani jissieħeb fl-iskola ta' Marija"; "jasal biex jikkontempla s-sebħ tal-wiċċ ta' Kristu"; "jagħmel esperjenza tal-kobor bla qjies ta' l-imħabba tiegħu"; "dawk li jemmnu jiksbu kotra kbira ta' grazzji, daqs li kieku jiksbuha mill-idejn stess ta' Omm il-Feddej."

Imma jkollna nistennew

san-numru ta' wara f'din l-Ittra daqshekk profonda fuq it-tifsira tat-talba tar-ružarju biex naqraw kif il-Papa Ġwanni Pawlu II jsejjaħ it-talba tar-ružarju bħala "it-talba preferita tiegħi" li ssieħbet miegħu "f'waqtiet ta' ferħ u f'waqtiet diffiċli." Il-Papa jistqarr ukoll li kien f'din it-talba tar-ružarju li "afdajt numru ta' ħsibijiet: dejjem sibt faraġ fih", filwaqt li jżid: "kemm grazzji qlajt f'dawn is-snin mill-Verġni Mbierka permezz tar-ružarju" (RVM 2).

Fil-ftuħ kif ukoll fl-għeluq ta' din l-Ittra Appostolika, il-Papa jsejjaħ lir-ružarju bħala "it-talba tal-paċi għall-paċi" (RVM 6.40), u talba "tal-familja u għall-familja" (RVM 41) li "hija mhedda minn forzi ta' qerda" (RVM 6).

## L-ISTRUTTURA TA' L-ITTRA

Din l-Ittra Appostolika dwar ir-ružarju hija magħmula minn tliet kapitli, flimkien ma' Introduzzjoni u Għeluq.

### L-Ewwel Kapitlu: Nikkontemplaw lil Kristu ma' Marija

Dan il-kapitlu jikkonċentra fuq Marija bħala "xempju li mhemmx bħalu" (RVM 10) tal-kontemplazzjoni ta' Kristu. B'mod tassew oriġinali, il-Papa jippreżentalna fin-n.10 bosta mill-ħarsiet ta' Marija lejn binha Ġesù.

- Il-ħarsa ta' ferħ ta' Marija meta weldet lil Ġesù f'Betlehem.
- Il-ħarsa ta' stagħġib ta' Marija meta sabet lil Ġesù fit-tempju.
- Il-ħarsa ta' niket ta' Marija, speċjalment taħt is-salib ta' binha Ġesù.
- Il-ħarsa tiddi ta' Marija bil-ferħ fil-qawmien ta' Ġesù.
- Il-ħarsa tħeġġeġ ta' Marija bl-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-Papa jsejjaħ lil dawn it-tifkiriet ta' Marija bħala "'ir-ružarju' li hija kienet titlob bla waqfien f'ħajjitha" (RVM 11). Minn hawn joħroġ il-punt l-ieħor tal-Papa illi li "tikkontempla x-xeni tar-ružarju f'għaqda ma' Marija huwa l-mezz biex titgħallem minnha ħalli tifhem lil Kristu" (RVM 14).

### It-Tieni Kapitlu: Misteri ta' Kristu - Misteri ta' Ommu

Nistgħu nqisu dan it-tieni kapitlu bħala l-qalba ta' din l-Ittra Appostolika. Dan minħabba li hawnhekk għandna materjal li jittratta r-ružarju bħala "ġabra fil-qosor ta' l-Evanġelju" (RVM 19). Dan joħroġ l-aktar miż-żjieda ta' dawk li l-Papa qed isejjaħ bħala "il-misteri tad-dawl" li għandhom jakkumpanjaw il-misteri l-oħra, jiġifieri, dawk tal-ferħ (RVM 20), tat-tbatija (RVM 22) u tal-glorja (RVM 23).

### It-Tielet Kapitlu - "Għalija li ngħix huwa Kristu"

Dan it-tielet kapitlu huwa ġabra fil-qosor ta' kif nitolbu bit-talba tar-ružarju li hu "metodu biex tikkontempla" (RVM 29).

Fin-n.30 il-Papa jissuġġerixxi li jkun ta' għajnuna jekk wara li jitħabbar il-misteru, tixxandar silta Biblika li għandha x'taqsam mal-misteru. Wara, imbagħad, issir waqfa qasira ta' silenzju li għandu jservi bħala mezz li bih nikkontemplaw dak il-misteru. Wara nkomplu bil-Missierna u bl-għaxar *Ave Maria* u fl-aħħar "il-Glorja." Din id-dossoloġija lit-Trinità Qaddisa, il-Papa jissuġġerixxi li titkanta meta r-ružarju jingħad fil-komunità (RVM 34). Wara dan, issir il-ġakulatorja ta' l-aħħar jew it-talba (RVM 36).



Il-Papa jitkellem ukoll dwar użanzi differenti ta' kif nistgħu nibdew ir-ružarju u kif nagħlqu din it-talba, l-aktar permezz tat-talba skond il-fehma tal-Papa, tas-*Salve Regina* u tal-litanija (RVM 37). Fin-n.38, imbagħad, insibu l-ġranet li fihom għandhom jingħadu l-misteri differenti tar-ružarju.

## GĦELUQ

Hawnehkk il-Papa jdur fuq il-familji u jfakkar kif din it-talba hija t-talba tradizzjonali tal-familji u jħeġġeġ biex "ma nitilfux dan il-wirt għażiż" (RVM 41). Il-Papa jdur ukoll fuq it-teoloġi u bosta persuni oħra responsabbli mill-pastorali fil-ħajja tal-poplu nisrani biex jippromwovu din it-talba sabiħa tar-ružarju. Fil-fatt, huwa jispiċċa bi kliem imħeġġeġ meta jgħid: "talba hekk ħafifa u madanakollu hekk għanja jisthoqqilha tassew li terġa' tiġi mħaddna mill-komunità nisranija" (RVM 43). ❑

minn Sr Marie Carmel Saliba OSC

# Il-Maħbub ta' Santa Klara ta' Assisi

## fl-okkażjoni tas-750 sena mill-mewt tagħha

Santa Klara ta' Assisi hija mudell ta' qalb żagħżugħa li kienet tassew imkebbsa bl-imħabba għal Ġesù. Din l-imħabba kibret fiha sa minn tfulitha u qalbha mtliet b'xewqa kbira li tkun biss tal-Mulej Ġesù. L-eżempju u l-kelma ta' Franġisku Bernardone għenuha tagħraf il-vokazzjoni tagħha, dak li Alla ried minnha. Bħal Franġisku ta' Assisi, hija għażlet li tgħix ħajja ta' sempliċità u faqar fuq il-passi ta' Kristu fqir, umli u msallab, li sar l-oġġett tal-kontemplazzjoni tagħha. Hija kienet l-ewwel xitla ċkejkna ta' San Franġisk u għexet l-ideal jew aħjar il-kariżma ta' San Franġisk fil-monasteru ta' San Damjan flimkien ma' tfajliet oħra li wieġbu għall-istess sejħa. Monasteri oħra nibtu f'diversi postijiet fl-Italja u f'pajjiżi oħra. Insemmu biss wieħed: il-monasteru ta' Praga li waqqfet Sant'Anjeże, bint is-sultan Ottakar tal-Boemja.

### L-imħabba ta' Klara għal Ġesù tidher fl-ittri tagħha lil Anjeże

Klara kienet tikteb lil Anjeże u għandna f'idejna erbgħa minn dawn l-ittri ta' Klara. F'dawn l-ittri Klara tagħti xhieda ta' l-għarfien tagħha ta' Ġesù Kristu u ta' mħabbitha lejh. Hija tħalli lil qalbha titkellem bil-libertà biex tagħmel il-qalb lil Anjeże fil-għażla u fil-mixja tagħha wara Ġesù.

Meta Klara kitbitilha l-ewwel ittra fl-1235, iċ-ċirkustanzi kienu li l-prinċipessa Anjeże kienet għadha kif ħassret l-għerusija tagħha ma' l-imperatur Federiku II. F'din l-ittra Klara titkellem fuq Ġesù Kristu bħalma mara mikula mill-imħabba titkellem fuq dak li hija għażlet biex ikun l-Għarus tagħha u l-imħabba tiegħu timlieha b'ferħ li ma jistax jitfisser fi kliem. Klara ngħatat għalih kollha kemm hi u tistenna kollox mingħandu. L-ittra ta' Klara hija għanja ta' stagħġib u rikonoxxenza għall-imħabba ta' l Għarus waħdieni u li ma hawnx bħalu, li għamel magħha u mal-bnedmin kollha ħwejjeġ kbar.

Fl-ittri tagħha lil Anjeże, Klara ssejjaħ lil Ġesù b'bosta ismijiet: "ir-Re tar-rejiet u s-Sid tas-sidien", "il-Ħallieq tagħna", "il-Feddej tagħna, "id-dija tal-glorja eterna"... Klara turi lil dan l-Għarus tagħha, Ġesù Kristu, bħala "l-Iben ta' l-Aktar Għoli" li, għall-imħabba tagħna, sar "l-aħħar wieħed fost il-bnedmin". Għal Klara, Ġesù Kristu huwa Dak li jgħaddi b'mod infinit lill-ħlejjaq kollha bil-kobor u d-dinjità tiegħu, bil-qawwa u l-għana tiegħu, imma wkoll bit-tjubija, il-ħlewwa, is-sbuħija tiegħu u fuq kollox b'imħabbtu stess.

Fl-ittri ta' Klara jispikka ħafna l-kuntrast qawwi bejn id-divinità u l-umanità ta' Kristu. Għal Klara, Ġesù huwawkoll "Dak li twieled fqir, għex fqir u miet għeri fuq is-salib", dak li "sar l-aħħar wieħed fost il-bnedmin", il-bniedem tat-tbatija, "immaqdar, imsawwat u midrub f'ġismu kollu" li "għall-imħabba tagħna miet fost l-eħrex tbatijiet fuq is-salib". Huwa f'dan il-faqar, f'dawn is-sofferenzi, f'din l-umiltà ta' l-għaġeb tal-kundizzjoni umana tiegħu li Klara trid taqsam il-ħajja ta' Kristu, il-Mulej tal-glorja, il-Mulej twajjeb li jista' kollox.

Hija tagħmel kuraġġ lil Anjeże u tiktbilha: "issaħħaħ fis-servizz li inti dħalt għalih b'xewqa mħeġġa għall-Imsallab Fqir" (I Ittra, vs 13). Fit-tieni ittra tgħidilha: "Verġni fqira, tgħannaq ma' Kristu fqir (vs 18)... "aħseb fuqu u ikkontemplah u xtieq b'ħerqa li ssir tixbhu" (vs 20).



*Il-monasteru ta' Santa Klara f'Assisi.*

Fit-tielet ittra toħroġ qawwija t-tema tal-ferħ: "Ifraħ dejjem fil-Mulej" (vs 10) tiktbilha lil Anjeże u żżid tħeġġiġha b'dan il-kliem: "u mingħajr ma tagħti lanqas ħarsa waħda lejn dawk il-ħwejjeġ li f'din id-dinja qarrieqa u mqallba jonsbu n-nases tagħhom għall-għomja li jorbtu qalbhom magħhom, ħobb b'qalbek kollha lil Dak li, għax ħabbek, ta lilu nnifsu kollu kemm hu" (vs 15).

Bejn l-ewwel ittra u r-raba' ittra għaddew tmintax-il sena. Fl-aħħar ittra, Klara toħroġ b'ħeġġa akbar imħabbitha għall-Għarus: "Hienja tassew int! Lilek ġie mogħti li tingħaqad b'qalbek kollha ma' Dak... li mħabbtu thenni, il-kontemplazzjoni tiegħu trodd is-saħħa mill-ġdid u t-tjieba tiegħu xxabba'" (vs 9-11).



## Ħutha s-sorijiet jagħtu xhieda dwar l-imħabba ta' Klara għal Ġesù

Klara għexet tnejn u erbgħin sena fil-monasteru ta' San Damjan ħajja ta' penitenza ferrieħa u talb bla heda. Hija mietet fil-11 ta' Awissu 1253 u proprju dis-sena l-Familja Franġiskana mad-dinja kollha qed tiċċelebra s-**750 sena mill-mewt tagħha**. Fil-proċess tal-kanonizzazzjoni, ħutha s-sorijiet xehdu dwar l-imħabba tagħha għal Ġesù murija fit-talb u fl-imħabba tagħha għas-sorijiet u għal dawk kollha li kienu jżuruha u jirrikorru għat-talb tagħha.

L-ewwel xhud, Sr Paċifika, qalet: "L-omm qaddisa kienet titlob kollha ħeġġa u bla waqfien... Meta kienet tiġi lura mit-talb kienet twissi u tfarraġ lil ħutha, tgħidilhom dejjem kliem Alla, kliem li kien dejjem fuq fommha; għax hija la riedet tgħid u lanqas tisma' kliem fieragħ. Meta kienet tiġi lura mit-talb, ħutha kienu jifirħu biha qisha ġiet mill-ġenna". Ir-raba' xhud, Sr Amata, qalet: "Kienet dejjem medhija fit-talb u l-kontemplazzjoni. Meta kienet tiġi lura mit-talb, wiċċha kien jidher leqqien u kien ikun sabiħ aktar mix-xemx. Kliemha kien ta' ħlewwa li ma titfissirx, hekk li ħajjitha kienet ħajja tas-sema". L-għaxar xhud, Sr Agneże, tgħid: "Klara kienet titgħaxxaq tisma' l-Kelma ta' Alla... kienet tisma' bil-qalb priedki dottrinali".

## X'tgħidilhom Klara liż-żgħażagħ ta' llum

L-ispirtwalità ta' Santa Klara nistgħu niġbruha f'din is-sentenza li hi stess ħalliet fit-Testment tagħha: "L-Iben ta' Alla sar it-triq tagħna u din it-triq ġiet murija u mgħallma lilna bil-kelma u bl-eżempju mill-missier qaddis tagħna Franġisku li kien tant iħobbu u jimitah" (vs 5).

Klara ħabbet lil Ġesù. Għexet miegħu. Għexet bħalu. Għexet għalih. L-ispirtu, ir-rieda, il-ġisem tagħha ġibduha f'direzzjoni waħda: li tħobb lil Ġesù. Ir-riżultat ta' dan kien li għexet ħajja ekwilibrata u ferħana. L-aħħar kelmiet tagħha qabel mietet kienu: "Grazzi, Mulej, li ħlaqtni".

Fil-qalb żagħżugħa ta' Klara kien hemm entużjażmu, enerġija, idealiżmu u ġenerożità. Dawn il-kwalitajiet sbieħ umani jinsabu moħbija wkoll fil-qlub taż-żgħażagħ tallum. Kull bniedem, hu min hu, qed ifittex il-ferħ li jħobb u li jkun maħbub f'imħabba vera, totali u li tibqa'.

Din hija xowqa li nġorru fil-fond ta' qalbna għax kull bniedem hu maħluq mill-Imħabba u għall-Imħabba. Il-milja tax-xewqat tagħna huwa Ġesù. Fih biss nilħqu l-iskop tagħna u nagħmlu suċċess minn ħajjitna. Fid-dawl tiegħu kollox jidher f'postu u f'qiesu.

Klara, li isimha jfisser 'dawl', imkebbsa min-nar ta' l-imħabba ta' Alla, għadha ddawwal; mill-qalba tal-Knisja u turi t-triq liż-żgħażagħ ta' llum. Minn Klara, qlub żgħażagħ jistgħu jiksbu ħajja ġdida biex jieqfu lill-ħażen tad-dinja ta' madwarhom.

Klara turihom l-importanza tad-dinjità ta' kull persuna umana u tal-ħolqien kollu u tgħallimhom jibnu ħajjithom fuq il-veri valuri spiritwali.

Sfortunatament qed jiġri li ż-żgħażagħ, turmentati minn ġewwa u minn barra bil-preokkupazzjoni li jakkwistaw kwalifiki biex isibu xogħol u post fis-soċjetà, ifittxu l-ferħ fis-suċċess tal-karriera, f'modi li jgħaddu, fil-materjaliżmu u l-konsumiżmu, fl-idoli li joffrulna r-reklami u l-*mass media*. Hemm x'uħud li jinfexxu f'ġiri sfrenat u pjaċiri bla rażan. Uħud jaqgħu vittma tax-xorb jew tad-droga jew isibu ruħhom fix-xibka ta' xi setta, okkult jew sataniżmu. Quddiem żwiġijiet li qed jitkissru, xi żgħażagħ qed jibżgħu mir-rabta taż-żwieġ.

Klara għandha kelma ta' faraġ u ta' kuraġġ għaż-żgħażagħ kollha li jemmnu fil-valur imprezzabbli ta' mħabba safja, sinċiera u dejjiema.

Klara għadha tgħix fl-ulied spiritwali tagħha, 20,000 soru Klarissa li jgħixu f'monasteri mxerrda mad-dinja kollha. Bil-ħajja tagħhom ta' talb u penitenzi ferrieħa, il-Klarissi jiġbdu fuq id-dinja l-grazzja salvifika ta' Alla u jdawlu u jwieznu lil dawk kollha li jaħdmu għal dinja aħjar. Huma "jagħtu glorja lill-Missier tagħna tas-sema fil-Knisja mqaddsa kollha tiegħu" (Test vs 14) u jirreparaw għall-offiżi li tirċievi l-Qalb ta' Ġesù minn qlub ingrati billi jroddu mħabba għall-imħabba bla tarf. B'ħajjithom kollha mogħtiha lilu jħobbu l-Imħabba mhix maħbuba. ❑

***Il-Festa Litruġika ta' Santa Klara taħbat fil-11 ta' Awissu.***

*minn P. Frans Abela OFMCap*

# Franġisku u l-akbar żewġ kmandamenti

**IT-TIENI PARTI**

## It-Tieni kmandament: l-imħabba tal-proxxmu

Wara li qisna sew x'titlob minna l-imħabba vera lejn Alla, u li wara li naslu għaliha nkunu nistgħu nserrħu rasna li qed inwettqu l-ewwel kmandament bil-ħarsien tagħha, nerġgħu nduru lejn l-Evanġelju li jgħidilna: "U t-tieni jixbhu: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mt 22, 39). Dawn iż-żewġ kmandamenti ta' l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu tant jixxiebhu daqskemm nofs jikkompleta n-nofs l-ieħor ta' fula waħda. Fatt ħelu li jingħad dwar Franġisku jitfa' dawl sabiħ u jsaħħaħ il-kumplimentarjetà taż-żewġ imħabbiet, ta' Alla u tal-proxxmu. "Waqt li kien fi triqtu sejjer jippriedka ltaqgħu miegħu żewġ Aħwa Franċiżi li tgħidx x'faraġ ħassew. Meta ġew biex jinfirdu minnu u mqanqlin b'devozzjoni lejh, talbuh biex għall-imħabba ta' Alla jagħtihom il-labtu li kien liebes bih. Malli sema' l-frażi 'għall-imħabba ta' Alla' bilġri neżgħu, tahulhom u baqa' għeri għal madwar siegħa" (Leg Per 53). F'għamża ta' għajn, 'l-imħabba ta' Alla' appena msemmija biss, qanqlitu biex jitħarreġ f'att hekk kuraġġjuż u spontanju ta' 'l-imħabba tal-proxxmu'.

Jekk qabel il-miġja ta' Ġesù fid-dinja kien biżżejjed li tħobb lil għajrek bħalek innifsek, wara l-miġja tiegħu, ta' dak li ġie mhux biex iħassar il-liġi imma biex jipperfezzjonaha, sar meħtieġ li nibdew inħobbu lil ħutna kif ħabbna Ġesù. U lkoll nafu kif ħabbna Ġesù; billi xejjen lilu nnifsu u "ta ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15, 13). Fi kliem qasir, Franġisku kien iebes u strett miegħu nnifsu, imma b'idejh miftuħa u uman għall-aħħar ma' l-oħrajn. Din l-imġiba ta' mħabba kbira lejn il-proxxmu f'Franġisku jispjegawha aħjar dawk li għexu miegħu. "Ma' dawk li bdew jingħaqdu miegħu u komplew jiżdiedu u joktru kien ferm diskret magħhom, u kien jiżgura ruħu li ma jonqoshom xejn f'ikel u ħwejjeġ oħra, basta ma jaqbżux il-limiti tal-qjies fil-faqar. Imma miegħu nnifsu, sa mill-bidu tal-konverżjoni, u qabel ma l-Mulej tah l-Aħwa, u anke wara matul ħajtu kollha, kien dejjem imrażżan, avolja fi tfulitu kien xipli u marradi li ħtieġlu jkun delikat fl-ikel" (Leg Per 2). Fatt ieħor mhux anqas elokwenti minn ta' qablu hu dan: "Darba waħda hu u jirritorna minn Siena ltaqa' ma' raġel fqir. Mill-ewwel ġietu l-idea li jirregalalu l-mantar li bih kien imsaħħan u li hu ma qishux b'tiegħu, imma li kien għandu b'self sa ma jiltaqa' ma' bniedem ifqar minnu. Sieħbu tal-vjaġġ, għax konxju mill-ħtieġa tal-missier, oppona kemm felaħ għall-ġest karitattiv ta' Franġisku li ma ċċaqlaqx mill-fehma tiegħu. Ma rridx niġi meqjus b'ħalliel għar-raġuni li ma tajtx mantar lil min jeħtieġu aktar minni. Sieħbu tbikkem u l-fqir iddobba mantar ħelu ħelu" (II Cel 87). Din l-ossessjoni ta' Franġisku li jqiegħed l-eżiġenzi ta' ħaddieħor qabel dawk tiegħu, imqanqal mill-eżempji u l-kmandament ta' Ġesù, tilma' fil-fatt li hu kien iħossu aktar hieni li jbati hu basta ma jarax lil ħaddieħor ibati.

B'li forsi tgħid jien ma nidgħix, jew li tgħid jien ħwejjeġ ħaddieħor ma għandix, isserraħx rasek li b'daqshekk int tħobb lil Alla u lill-proxxmu tassew. Il-kmandamenti, u partikularment dawn l-akbar tnejn, ma jipprojbixxux biss it-tkasbir ta' l-isem ta' Alla u d-deni lill-proxxmu, imma jeżiġu għemejjel pożittivi li f'dal-każ jingabru f'kelma waħda: imħabba. Din in-norma, Franġisku fehemha sew għax lil Alla ħabbu b'qalbu kollha, b'ruħu kollha, b'moħħu kollu u bil-qawwa tiegħu kollha; u lill-proxxmu ħabbu aktar milli ħabb lilu nnifsu. Jalla l-kelma 'imħabba' għalik ma hix kelma rħisa bħal dik tal-kanzunetti, imma hi waħda li prezzha hu għoli għax ġejja minn ħafna tmerija tal-qalb u ċaħdiet iebsa. Dal-bidu serju jwassal għat-twettiq ta' l-imħabba doppja: ta' Alla u tal-proxxmu. ❑



*San Franġisk jiltaqa' mal-lebbruż. Affresk, Altötting, Ġermanja.*

minn Keith Spiteri GiFra

# Anke fil-futbol nista' nixbaħ lil Kristu



Nhar il Ħadd, 1 1 ta' Ġunju, organizzajna *One Day Football Tournament* fil-grawnd ta' wara ċ-ċentru tagħna li jagħmel parti mill-kunvent tal-Kapuċċini fil-Floriana. L-iskop ta' din l-attività kien li, apparti li jsir *fund raising* għall-ispejjeż taċ-Ċentru, ikollna l-opportunità li nitħalltu ma' gruppi oħra ta' żgħażagħ, kif ukoll nieħdu gost nilagħbu flimkien il-logħba favorita ta' ħafna minna l-ġuvintur.

Għal dan it-turnament ipparteċipaw seba' timijiet, apparti aħna, u kien hemm premijiet għall-ewwel tliet timijiet. It-timijiet li pparteċipaw kienu dawn: **Hope United**, **Teens Kalkara**, **X. Ġwann Mamo**, **Terminators**, **Koppji Miżżewġin**, **Generades Youth Group**, **Formula One** u t-tim tagħna **Gi.Fra. Floriana**. Il-Kompetizzjoni kienet tikkonsisti f'żewġ gruppi ta' erba' timijiet il-wieħed li ttellgħu bix-xorti, fejn it-timijiet ta' l-istess grupp kellhom jilagħbu kontra xulxin biex imbagħad jgħaddu għas-semi-finali l-ewwel żewġ timijiet ta' kull grupp. Għal din l-attività ħejjejna wkoll *bar* apposta li biegħ ikel, xorb u ġelati. Ta' min isemmi wkoll li kellna żewġ għajnuniet importanti ħafna li lkoll kemm aħna nirringrazzjawhom minn qalbna tal-kontibut bżonnjuż tagħhom: is-Sur Gaetano Degabriele (*FIFA Official Assistant Referee*) li ġentilment irreffjalna ħafna mil-logħob, kif ukoll lid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku li sponsorjana finanzjarjament. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil kull min ta sehmu.





It-turnament intrebaħ mit-tim tagħna (**Gi.Fra. Floriana**) li, wara assedji sħaħ mit-tim **Hope United**, irnexxielna negħlbuhom, filwaqt li t-**Terminators** rebħu lit-tim tal-**Koppji Miżżewġin** biex jispiċċaw fit-tielet pożizzjoni. Kien hemm ftit individwi li nħarqu u rrabjaw għax ma rebħux il-kompetizzjoni. *Vice-versa*, kien hemm ukoll min ħassu tassew sodisfatt għax permezz ta' din l-attività qatta' ftit tal-ħin f'kumpannija u f'atmosfera tajba.

Jekk nista' nqabbel logħba futbol ma' xi ħaġa oħra, naħseb li nipparagunaha mal-ħajja tal-bniedem. Kull bniedem għandu l-kapaċitajiet u d-dgħjufijiet tiegħu. Tant ieħor *footballer*. F'kull kompetizzjoni tal-futbol, tim wieħed biss jista' uffiċjalment jiġi ddikjarat rebbieħ. Ma jfissirx li l-oħrajn huma telliefa u ma huma tajba għalxejn. Min hu *bad looser* jgħidlek b'wiċċu minn quddiem li t-tieni post huwa l-ewwel tellief. Però, onestament ma naħsibx li l-filosofija ta' logħba futbol għandha tkun din, għax finalment ma jistax ikun hemm rebbieħ jekk ma jkunx hemm timijiet oħra li jikklassifikaw ruħhom warajhom. Naħseb li anke ħajjitna hi mibnija fuq l-istess kunċett. Ma nistax nippretendi li niġi dejjem l-ewwel jew li tiegħi biss tajjeb. Ma nistax ma naċċettax telfa jew noqgħod ninħaraq għax ħaddieħor għaraf jegħlibni. B'danakollu ma jfissirx li jien tellief. Pjuttost għandi nipprova nitgħallem nara fejn stajt mort ħażin biex għal darb'oħra nipprova ma nagħmilx l-istess żbalji. Tant ieħor, ma nistax noqgħod nindanna u neħodha kontra ħaddieħor, kontrija nnifsi jew kontra Alla għaċ-ċirkustanzi li jinqalgħu matul ħajti. Il-ħajja dejjem *on the go* u żgur li xi draba jew oħra ħa narawha kerha u niddubitaw minnha. Naħseb li finalment dan kollu jiddependi mill-maturità ta' dak li jkun, kif ukoll mill-valuri nsara li jħaddan. Jekk vera temmen li int nisrani, ma tistax taffordja li tgħid li int tellief, aħseb u ara li tkun tellief! Jekk nuża ftit mil-loġika tal-filosofija li studjajt, naħseb li anke int tista' tifhem b'mod aktar sempliċi x'qed nipprova ngħid: Jekk tassew temmen f'Alla, u konvint li hu rebbieħ, bħala nisrani int suppost temmen li anke int rebbieħ! B'danakollu naħseb li anke fil-futbol nista' nixbaħ lil Kristu, għax l-attitudni u r-reazzjoni tiegħi għandhom effetti soċjali u spiritwali kemm fuqi kif ukoll fuq ta' madwari. U wara kollox, it-tim ta' Kristu hu tim rebbieħ ... Mela kif qatt nista' nitlef? ❑

*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

**IS-SEBA PARTI**

***F'din is-seba' parti minn sensiela ta' artikli li fihom qed naraw il-kult franġiskan fil-gżira tagħna, ser nagħtu xi ħjiel dwar żewġ xogħlijiet ta' arti li fihom naraw lil San Franġisk t'Assisi. Dawn huma kwadri li jinsabu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa u l-apside tal-knisja li tinsab fl-Isptar San Vinċenz de Paule, fil-limiti ta' Ħal Luqa***

Kwadru ieħor tal-Fqajjar t'Assisi nsibuh fil-Knisja ddedikata lil ***Sant'Andrija Appostlu* f'Ħal Luqa**. Dun Ġużepp Micallef, fil-kitba storika tiegħu dwar din il-Parroċċa, jiġifieri *"Ħal Luqa. Niesha u ġrajjietha (1975)"* jistqarr li eżattament fil-kappella ta' Sant'Anna, fit-2 ta' Marzu 1739, sar kwadru minn Marija Buttiġieġ biex b'hekk tikber id-devozzjoni lejn dan il-qaddis. Bil-permess ta' l-isqof u l-kappillan ta' dak iż-żmien, l-kwadru tpoġġa fuq l-iskannell ta' l-altar ta' Sant'Anna. Il-kwadru flimkien ma' ieħor tal-Qalb ta' Ġesù, li kien beda devozzjoni lejh ċertu Ġużeppi Ellul, tpoġġew mal-ġnub ta' l-altar. Dan seħħ meta fuq dan l-altar tqiegħdet statwa ta' l-*Ecce Homo* f'niċċa.



Tajjeb illi nfakkru li dawn il-kwadri msemmija llum mhux magħruf x'sar minnhom. Iżjed tard, jiġifieri għall-ħabta ta' l-1912 meta nbnew in-navi tal-knisja parrokkjali, saru xi pitturi oħra għall-artali tal-korsija. Ma' dawn żdiedu għadd ta' kwadretti li juru diversi qaddisin. Hu maħsub li għadd minnhom inħadmu mill-artist famuż Ġużeppi Calì. Illum fl-artal li hu ddedikat lit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, li qabel jista' jkun li kien l-artal ta' San Ġużepp, għandna tnejn minn dawn il-kwadretti. Wieħed hu ta' San Nikola minn Bari, li jingħad li mhux xogħol ta' Calì, filwaqt li l-ieħor hu ta' San Franġisk t'Assisi.

Jista' jkun li dan hu xogħol ta' dan il-pittur li ħalla bosta xogħlijiet fl-imqades tagħna. Fil-fatt, fi ktejjeb bl-isem ta' *"Giuseppe Calì centenary exhibition (1846-1946)"* insibu li dan il-kwadrett ovali kien ġie magħdud bħala xogħol ta' Ġużeppi Calì. Tajjeb ngħidu li din il-wirja kienet ġiet organizzata mill-*Malta Art Association* fl-1946. Iżda, jekk dan hux xogħol ta' dan l-artist jew le, ma jistax ikun ikkonfermat. Mhiex magħrufa d-data ta' meta sar dan il-kwadrett. Li hu żgur hu li dawn saru wara l-bini tan-navi.

Fl-istess parroċċa kien twaqqaf it-Terz'Ordni Franġiskan fl-1882.

Nixtieq inrodd ħajr lis-Sur Anton Morana tat-tagħrif li għaddieli dwar dan il-kwadrett.

Fl-inħawi ta' l-Inġieret, limiti tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa, hemm id-Dar ta' l-Anzjani li fl-1940 ngħatat l-isem ta' ***Sptar San Vinċenz de Paule***. Kien hemm żmien li din id-dar ta' l-anzjani bdiet tissemma Ħas-Serħ iżda wara reġgħet ingħatat l-isem li kellha qabel, jiġifieri dak ta' San Vinċenz de Paule. F'dan l-Isptar inbniet ukoll knisja ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù. Kienet tbierket fis-7 ta' Lulju 1910 u ġiet ikkonsagrata fis-snin disgħin mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca. Il-Knisja tinsab fil-kura tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini li jieħdu ħsieb ukoll il-ħtiġiet spiritwali tal-anzjani f'dan l-Isptar.






Fl-apside ta' din il-knisja naraw il-qima tal-anġli u l-kontinenti kollha lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-pittura saret minn Rafel Bonnici Calì, li fl-aħħar ta' ħajtu ġie rikoverat f'dan l-istess sptar fl-1957. Il-pittur juża kuluri vivaċi fejn fin-nofs ta' l-abside naraw lill-Missier Etern imdawwar minn sħaba mimlija anġli qed jibgħat l-Ispirtu Qaddis fuq l-Iben il-waħdieni tiegħu. Ġesù jinsab b'idejh miftuħa qisu qed jilqa' din il-qima li qed tingħatalu.

Fuq in-naħa tal-lemin naraw raffigurazzjoni tal-kontinenti kif ukoll figura ċkejkna ta' Malta kif tradizzjonalment narawha fi statwi u pitturi oħrajn. Taħt il figura ta' Kristu nsibu raġel marid u dan jista' jkollu konnessjoni mal-fatt li f'dan l-isptar tingħata kura lill-anzjani morda.

Fuq in-naħa tax-xellug naraw lil Santa Margerita Marija Alacoque (1647-1690) li kellha devozzjoni kbira lejn Ġesù fl-Ewkaristija, il-Madonna u fl-isfond jidher San Franġisk t'Assisi. Lil dan il-qaddis l-artist pittru b'rasu baxxuta u b'idejh magħqudin mitluf f'kontemplazzjoni jimmedita dan il-misteru kbir. Naraw ukoll il-Papa Ljun XIII li fl-1899 ikkonsagra lid-dinja lill-Qalb ta' Ġesù filwaqt li fit-18 ta' Mejju ta' l-1902 kiteb l-Enċiklika *Mirae Caritatis* li s-suġġett tagħha kien l-Ewkaristija. ❑

## TWEĠIBA

*minn P. William Axiaq OFMCap*

***Father, dawn l-aħħar żminijiet, kif taf, kellna l-elezzjoni ġenerali. Il-mara għamlitha ta' canvasser għal ċertu bniedem politiku - it-tnejn li aħna nżommu mal-partit tiegħu - għax ħassitha obbligata lejh għall-pjaċiri li kien għamlilna. Dan ifisser li kienet qiegħda ddumli barra, anki sa kmieni filgħodu. Ngħidlek il-veru jien għalaqt għajnejja matul il-kampanja elettorali, fl-aħħar mill-aħħar, kienet qed taħdem għal persuna li anki jien xtaqtha titla' sparata fl-elezzjoni, kif fil-fatt ġara. Imma issa qiegħed ninduna li marti ma għadhiex dik li kienet qabel. Saret moħħha wisq f'attività u propaganda politika u, minħabba f'hekk, saret imtajra għal barra. X'għandi nagħmel f'din is-sitwazzjoni li qed inħoss li ġibtha b'idejja u waslet biex tisfaxxalna l-familja tagħna?***

Ikollna ngħidu li fid-dagħdiegħa tal-kampanja elettorali kien hawn ħafna ġenn. Ħafna kienu għaddejjin minn psikosi politika partiġġjana, tilfu rashom għal kollox wara l-partit tagħhom bla ma qagħdu jqisu xejn. Ħafna miżżewġin insew għal ċertu żmien li huma hekk. Insew il-mara, ir-raġel, it-tfal u d-dmirijiet familjari tagħhom. Kien moħħhom f'ħaġa waħda biss: li jitla' fil-gvern il-partit tagħhom. Kien hawn ħafna sfrattu f'ħafna familji.

Iż-żwieġ tagħkom jidher li nqabad f'dan l-ingranaġġ kiefer u tiranniku, li, jekk jaqbdek taħt il-forza tal-pali ta' idejh, imbagħad mhux la kemm se jitilqgħek. Konsegwenza li inti ma kontx qiegħed taraha. L-attività politika fiha ċerta dinamika li, jekk idduqha, mhux la kemm tgħaddi mingħajrha. Fiha ċertu seħer. Bil-Malti nfissru dan kollu billi ngħidu li min jikriha mbagħad irid joqgħod għaliha. Huwa proprju l-każ?




Huwa veru li kull qalb trid oħra, imma hemm limitu sakemm wieħed jista' jgħin, iżjed u iżjed politikament, meta nifhmu li ż-żwieġ u l-familja jitolbu impenn kbir u ma jippermettux li l-miżżewġin u l-ġenituri jagħtu ħin twil għal attivitajiet oħrajn, inkella tibda l-imma.

L-*canvassing* politiku huwa xogħol iebes imma, fl-istess ħin, interessanti, jagħtik ħafna sodisfazzjon (iżjed u iżjed meta l-kandidat li tkun ħdimt għalih jitla'), jagħmlek popolari, ammirat u apprezzat, u, fuq kollox, jiftaħlek it-triq għal favuri li jista' tiġi bżonnhom 'il quddiem(!) Imma ħdejn iż-żwieġ u l-familja dan kollu x'jiswa?

Il-mara tiegħek filli kienet magħluqa bejn l-erba' ħitan tad-dar u filli bdiet tirrespira arja differenti. Ħarġet mill-monotonija tal-ħajja ta' kuljum, sabet ruħha f'dinja differenti u tgħammex l-għajnejn u din il-ħajja għoġbitha. Ġralha bħal meta persuna dduq is-safar għall-ewwel darba u tibqa' mlebilba għalih.

Lil martek nagħmilha għandha ċerta personalità. Kandidat politiku, fl-aħħar mill-aħħar, jaf lil min għandu jaċċetta biex jagħmillu *canvassing*. Mhuwiex ta' subgħajh f'ħalqu. Mhux se jaċċetta persuna kwalunkwe, li ma għandhiex *drive*.

Jista' jagħti l-każ li l-mara tiegħek kienet qed tgħix f'ambjent mhux interessanti d-dar u f'daqqa waħda sabet ruħha f'wieħed li hu hekk u ssaħħret għalih. Seta' ġara wkoll li fl-aħħar sabet persuna li kienet kapaċi tinduna bil-kapaċitajiet moħbijin tagħha u wriethomlha - ħaġa li forsi qatt ma għamiltha - u issa d-demm telgħalha għal rasha minħabba l-importanza li kisbet u ma tridx taf b'ħaġa oħra għajr bi propaganda u impenn politiku.

Għandi nifhem li l-mara tiegħek għamlet xhur sħaħ taħdem biex il-kandidat li semmejt jitla' fil-gvern, jew deputat fil-parlament. Dan iż-żmien kollu ġagħalha tidra stil ieħor ta' ħajja u gerrixha mill-ġabra tad-dar u issa qed tfittex każini politiċi tan-nisa, jekk qed nifhem sew.

Fi żmien l-elezzjonijiet ġenerali dejjem jinqala' l-inkwiet fiż-żwieġ, jew minħabba wisq parteċipazzjoni f'*meetings* jew *coffee mornings* ta' dak il-kandidat jew ta' l-ieħor min-naħa tar-raġel jew tal-mara; jew għax ir-raġel jew il-mara ma jkunux iżommu ma' l-istess partit; jew għax parti mill-koppja tkun allerġika għall-politika ... Il-każ tagħkom differenti. Inqala' l-inkwiet mhux qabel imma wara l-elezzjoni ġenerali. Naħseb li dak li trid tagħmel hu li tkellem lill-mara u turiha li ħdejn iż-żwieġ u l-familja tagħkom ma għandu joqgħod ħadd u xejn, tipprova tagħmel il-ħajja tad-dar interessanti għaliha u meta terġa' tiġi l-elezzjoni toqgħod għajnejk miftuħa beraħ ħalli l-iżball li għamilt din id-darba ma jerġax jirrepeti ruħu. ❏

minn Sr. Susanna Camilleri D.S.H.

# Mitt sena mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù

Il-Kongragazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" ġiet imwaqqfa minn Marija Teresa Nuzzo. Il-familja tagħha kienet tgħix il-Belt Valletta. Il-ġenituri tagħha kienu Pawlu Nuzzo u Lwiża Marocchi. It-tnejn kienu għaqlin u rabbew familja mibnija fuq valuri nsara. Marija Teresa kienet it-tieni waħda fost sebat aħwa. Il-vokazzjoni tagħha għall-ħajja reliġjuża taf il-bidu tagħha mill-eżempji sbieħ tal-ġenituri tagħha. Madre Teresa kienet tmur tgħin liz-zija tagħha Rożina, li kienet tmexxi skola, magħrufa ħafna f'dak iż-żmien għal-lingwi. Kienu jgħallmu matematika, Taljan, Ingliż, Franċiż, reliġjon, ħjata, rakkmu u tagħlim tal-pjanu. Meta z-zija Rożina mardet u naqasha d-dawl, ħalliet f'idejn Teresa, li bilkemm kellha sittax-il sena, it-tmexxija ta' din l-iskola.

Madre Teresa kienet tagħti kas ħafna ta' dawn it-tfal u kienet dejjem tipprova li jitilgħu ċittadini tajbin. Spiss kienet teħodhom il-Katidral ta' San Ġwann fejn jersqu għas-sagrament tal-qrar u l-għada filgħodu biex jitqarbnu. Kienet tmur ukoll bil-mixi l-Ħamrun fil-knisja tal-Madonna tas-Samra, u hemm kienet tiġbor it-tfal għall-katekiżmu, xi wħud minnhom tfal ta' familji Taljani li kienu f'Malta dak iż-żmien. Kienet tħabrek ħafna għall-ġid spiritwali tat-tfal.



*Madre Marija Teresa Nuzzo*

L-Arċisqof Pietru Pace, li kien jaf kemm kienet qed tagħmel ġid, offierlha dar eżatt fejn il-knisja tal-Madonna tas-Samra, il-Ħamrun. Teresa tgħidx kemm ferħet, u hawn ħasset li hi stess kellha tibda u twaqqaf kongregazzjoni ma' oħrajn li taw ruħhom għall-edukazzjoni tat-tfal u l-poplu ta' dak iż-żmien. Din id-dar ġiet imsemmija *Istituto Nuzzo* billi din kienet donazzjoni ta' kuġinuha Enriko Nuzzo. Fil-21 ta' Novembru ta' l-1903 sar it-twaqqif uffiċjali tal-Kongregazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù". Minn dak iż-żmien sa llum mexxew l-iskola għat-tfal u tagħlim ieħor meħtieġ għall-kbar. Il-vokazzjonijiet żdiedu u fetħu orfanatrofji u skejjel ma' Malta kollha.

Illum il-ġurnata s-sorijiet qegħdin imferxin fi tmint idjar, fejn jippreparaw it-tfal għall-preċett u għall-Griżma ta' l-Isqof kif ukoll tagħlim ieħor għall-kbar. Imexxu wkoll skejjel, janimaw quddies u jqarbnu, imorru jżuru lill-morda fid-djar tagħhom u jqarbnuhom. Għandhom ukoll f'idejhom is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u jagħtu għajnuna lil dawk kollha li jkunu fil-bżonn li jiftħu qalbhom magħhom, kif ukoll lit-turisti li jiġu jżuru dan is-santwarju sabiħ.

Fl-1948 infetħet il-missjoni ta' l-Indja fejn għandna orfanatrofji għat-tfal abbandunati, skejjel u tagħlim ieħor għall-kbar. Ftaħna wkoll id-dar tan-novizzjat biex tilqa' ħafna vokazzjonijiet Indjani li, wara l-formazzjoni tagħhom, imorru jaħdmu fl-għoxrin dar li għandna mxerrdin ma' l-Indja, u fid-djar tagħna barra mill-Indja. Għandna wkoll dar fl-Italja u fil-Libja fejn is-sorijiet imexxu orfanatrofju fejn jieħdu kura ta' ħafna tfal.

Fl-1980 infetħet il-missjoni tal-Kenja fejn għandna ħafna sorijiet Kenjani jieħdu ħsieb tfal li l-ġenituri tagħhom mietu bl-*Aids* jew huma *single mothers*. Jgħallmuhom ukoll l-iskola u jagħtu għajnuna bl-ikel, edukazzjoni u kura medika lil ħafna tfal sponsorjati minn qlub ġenerużi ta' Maltin. Il-Kenja wkoll infrixna f'sebat idjar. Għandna skola fit-Tuneżija u sorijiet oħrajn ukoll l-Irlanda.

Jalla l-appostolat li għandna jkompli b' imħabba u impenn speċjalment f'din is-sena taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tagħna mill-Fundatriċi Marija Teresa Nuzzo.

Din is-sena hi sena ta' ċelebrazzjonijiet li bdew fil-21 ta' Novembru 2002 u jkomplu sa l-aħħar tas-sena 2003. Jalla din il-fundatriċi tas-sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" tkun magħrufa għall-qdusija tagħha u l-ġid li għamlet f'ħajjitha. Nawguraw lis-sorijiet kollha li jkomplu jgħixu l-kariżma ta' mħabba u sempliċità fid-doveri u l-appostolat kollu li huma jmexxu fil-kongregazzjoni sew f'Malta kif ukoll fil-missjoni.

Inħossni ħafna grata lejn Alla li ħaddant din il-kongregazzjoni u sirt naf ħafna mill-qrib lill-għażiża fundatriċi tagħna Madre Marija Teresa Nuzzo. ❑

minn P. Philip Cutajar OFMCap

# VIA SAGRA missjunarja

## ID-DISA' STAZZJON



### ĠESÙ JAQA' GĦAT-TIELET DARBA

Fl-ewwel waqgħa tiegħek, Mulej Ġesù, irriflettejna dwar il-waqgħat li jaqgħu fihom in-nies fqar b'konsegwenza ta' l-istess miżerja li qed jgħixu fiha - għax fejn hemm il-miżerja u l-inġustizzji joktru dnubiet oħrajn. Fit-tieni waqgħa tiegħek, Mulej Ġesù, ġibna quddiem għajnejna l-waqgħat tagħna speċjalment dawk "tat-tħollija ta' l għemil"... ta' l omissjoni li bħala soċjetà u bħala Knisja wettaqna meta stajna ngħinu iżjed lill-artijiet fqar tal-missjoni u dan m'għamilniehx. Issa fit-tielet waqgħa se naħsbu ftit dwar il-waqgħat li jista' jaqa' fihom il-missjunarju, l-evanġelizzatur, il-ħabbar tal-Bxara t-Tajba fl-artijiet hekk imsejħa tal-missjoni.

• Mulej, aħfer u għin lill-missjunarju li jaqa' fil-qtigħ il-qalb meta ma jarax il-frott tax-xogħol tiegħu, meta jħossu qed jagħżaq fl-ilma, meta ma jilmaħx kooperazzjoni minnies li lilhom mar jgħin, meta wara li jkun ippriedka l-imħabba ta' l-Evanġelju jiskopri li fir-raħal għad hemm firda u mibegħda bejn tribù u ieħor, bejn razza u oħra, moħqrija lejn il-mara u disprezz lejn is-suwed.

• Mulej, aħfer u agħti l-faraġ tiegħek lill-missjunarju li jħossu għajjien bil-ħafna xogħol, bil-ħafna ġiri minn parroċċa għal oħra, bil-ħafna ħidmiet soċjali sabiex jgħin lill-fqar... tant għajjien li mhux dejjem isib ħin biżżejjed biex iqattgħu miegħek fit-talb;

• Mulek, aħfer u agħti l-kuraġġ lill-missjunarju li jħossu waħdu, abbandunat u minsi ħafna drabi anke mill-istess familjari, ħbieb, ħutu saċerdoti u reliġjużi li ħalla warajh f'pajjiżu, mill-istess isqof jew provinċjal/provinċjala tiegħu/tagħha... u dan iwaqqgħu f'solitudni... iħossu emarġinat u mitluq jaħdem għal rasu mingħajr ebda appoġġ ta' mħabba u solidarjetà.

• Mulej, aħfer u agħti l-għerf tiegħek lill-missjunarju li jirrendi x-xogħol tiegħu unikament promozzjoni umana tant li jidħol sabiex jiddefendi d-drittijiet tal-fqar fuq livell politiku u forsi anke juża metodi ta' vjolenza, u b'hekk jinsa li int, Mulej, issalva lill-bniedem bl-imħabba, bil-maħfra u r-rikonċiljazzjoni.

• Mulej, aħfer u żomm idejk fuq dak il-missjunarju li fil-ħidmiet tiegħu jinsa li "għalxejn jitħabbat il-bennej jekk int ma tridx tibni d-dar u għalxejn jishar il-għassies jekk



int ma tħarisx il-belt"; tant li x-xogħol jagħmlu tiegħu u jinsa lilek, jisraq il-glorja li tixraq biss lilek, iwarrbek mill-programmi u l-proġetti li jwettaq u għalhekk ikun qed jibni fuq ir-ramel.

Mulej, int waqajt għal kemm-il darba, imma wkoll qomt għal kemm-il darba u komplejt miexi t-Triq Tas-Salib bil-għan li twettaq sa l-aħħar ir-rieda ta' Missierek. Agħti l-maħfra u magħha l-ħila, il-kuraġġ, u l-grazzja lil kull missjunarju, evanġelizzatur, ħabbar tal-Bxara t-Tajba li, sforz id-dgħufija u l-għeja, jaqa' fid-dnub, jaqa' fl-indifferenza, jitlef l-entużjażmu, jieħu x-xogħol b'rutina u għalhekk jitlef il-gost u l-ferħ fl-istess ħidmietu, li jinsa lilek billi jieħu attitudni ta' protagoniżmu u individwaliżmu, li jingħata b'ruħu u ġismu għal ħidmiet tiegħek Mulej, filwaqt li jinsa li inti huwa l-Mulej ta' kull ħidma.

**Talba: Mulej, jekk hemm xi ħaġa li l-missjunarju għandu bżonn mingħandna, aktar minn għajnuniet materjali, huwa t-talb. Kattar fina, nitolbuk, is-solidarjetà tagħna mal-missjunarji kollha billi qatt ma jgħaddi jum li ma nippreżentawhomx lilek permezz tat-talb tagħna, sabiex int ma tiqafx ixxappaphom bl-imħabba tiegħek... timliehom bik u tħarishom minn kull ħsara fir-ruħ u fil-ġisem.**

## L-GĦAXAR STAZZJON



**ĠESÙ MNEŻŻA' MINN ĦWEJĠU**

Mulej Ġesù, min jaf x'ħassejt f'dak il-mument meta int, fuq il-Kalvarju, ġejt mneżża' bi vjolenza mill-ftit



ħwejjeġ li kien għad baqagħlek fuqek. X'mistħija... tara d-dinjità ta' bniedem tiġi stmata b'mod hekk baxx u kiefer.

U int Mulej, illum ukoll, fuq il-Kalvarju tal-pajjiżi tat-Tielet Dinja, għadek qed tiġi mneżża' mill-ftit ħwejjeġ li għandek f'dawk il-persuni li qed jiġu mċaħħda minn dak li huwa essenzjali għall-ħajja tagħhom. Mulej Ġesù, int għadek qed tiġi mneżża' fil-fqar li m'għandhomx x'jilbsu, li m'għandhomx x'jieklu u x'jixorbu, li m'għandhomx saqaf fejn jistkennu, fil-ħafna refuġjati li jkollhom jorqdu taħt it-tined, bla futur... bla għan... fost inċertezzi kbar għalihom u għall-familji tagħhom. Mulej Ġesù, int għadek qed tiġi mneżża' fil-fqar li kulħadd jisirqilhom u jneżżagħhom mid-drittijiet u d-dinjità umana tagħhom... il-fqar li jkomplu jsiru aktar fqar għax m'għandhomx dritt li jkollhom biċċa art tagħhom... l-annimali tagħhom... li jagħżlu huma b'libertà x-xogħol li jixtiequ.

Mulej Ġesù, int għadek qed tiġi mneżża' għarwien quddiem il-folla tad-dinja li tibqa' tħares ċassa b'ħarsa indifferenti quddiem tant foqra li qed jiġu mġiegħla jgħixu n-neokolonjaliżmu u l-iskjavitù tas-seklu tagħna: tfajliet esportati għall-pajjiżi fl-Oċċident bil-wegħda li ser isibu l-ġenna fl art u wara li jinsterqulhom il passaporti jiġu mgiegħla jintefgħu għall-prostituzzjoni, miljuni ta' ħaddiema b'xogħol iebes u mill-aktar umli, pagi miżerja, jaħdmu bla drittijiet għal mistrieħ u bla ebda protezzjoni, tallaba fit-toroq, tfal li jiġu mkeċċija mill-familji tagħhom għax konn u ħobż għalihom m'għandhomx, tfal li suppost li qegħdin l-iskola imma jkollhom imorru jaħdmu xogħol iebes, tfal mġegħlin jittrafikaw id-droga, tfal li jgħaddu l-iljieli jorqdu barra, prostituzzjoni tat-tfal, adulti:

nisa u rġiel li jagħtuha għax-xorb biex jaħarbu u jipprovuw jinsew r-realtà iebsa u depressanti li qed jgħixu fiha, jieklu mil-landi taż-żibel, imlibbsa mċerċra, ħafjin, ibigħu lil uliedhom għas-sess, jiġu traffikati huma jew l-organi misruqa tagħhom, jispiċċaw mix-xogħol bla ebda pensjoni.

Mulej Ġesù, u quddiem dan il-Kalvarju, hemm xi ħadd ieħor li qed jinża' mill-ftit ħwejjeġ li għandu tiegħu. Imma dan qed jagħmlu f'ismek, b'mod ħieles u voluntarju. Imma dan qed jagħmlu bil-għan li jlibbes lill-għarwien. U dan huwa l-missjunarju li jiddeċiedi li jinża' minn kollox: mill-familja tiegħu, minn ħbiebu, minn art twelidu, mill-kultura u użani li jkun trabba u għex fihom għalhekk ikunu saru ħaġa waħda miegħu u daħlu f'qalbu. Jinża' minn dan kollu, jitlaq kollox biex imur f'pajjiż imbiegħed u hemm jaħdem sabiex fuq kollox ilibbes lill-għarwien bil-libsa ta' l-imħabba tiegħek billi jagħtih lilek bħala l-Mulej u l-Ħabib... u mhux inqas ilibbes lill-għarwien b'dak li inti tipprovdilu frott il-providenza tiegħek... għax meta xi ħadd minn uliedek jitolbok ħuta ma tagħtihx skorpjun... meta jitolbok ħobż ma tagħtihx ġebla.

**Talba: Mulej, agħtini l-qawwa u l-ħila sabiex inkun kapaċi ninża' minn dak li hu tiegħi u minn dak li għandi ħalli nlibbes lill-oħrajn. Meta nkun bil-ġuħ, agħtini lil xi ħadd li hu bil-ġuħ aktar minni; meta nħoss il-bard agħtini lil xi ħadd li m'għandux biex jitgħatta bil-lejl; meta m'għandix lanqas ħin għalija nnifsi agħtini lil xi ħadd li għandu bżonn ftit mill-ħin tiegħi.... Mulej, neżżagħni fuq kollox mill-egoiżmu tiegħi... ħalli ninsa aktar lili nnifsi u naħseb aktar fl-oħrajn.**

## P. Philip Cutajar OFMCap jinsab Malta



Patri Philip Cutajar OFMCap, li għal dawn l-aħħar ħames snin qed jagħmel xogħol missjunarju f'Kuba, qiegħed fostna hawn Malta għal ftit żmien ta' mistrieħ u fl-istess ħin jara lill-għażiża ommu, mara nazjana, lill-familjari tiegħu, kif ukoll jiltaqa' mal-ħbieb u l-benefatturi tal-missjoni.

Nawgurawlu ġranet ta' mistrieħ mistħoqq.



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż Father, nixtieq ngħidlek grazzi ħafna għar-rivista **Dawl Franġiskan** li nkun qed nistenniha. Veru interessanti. Għal darb'oħra qed nibgħat it-'Tisliba'. Ma nafx kif qed nagħmilha għaliex miniex dilettanta tat-'Tislibiet', imma nieħu gost noqgħod infittex fil-Bibbja. Grazzi ħafna u prosit tassew.

*C. Sultana - Żabbar*

• Għażiż Fr Joe, kif taf, aħna s-Sorijiet Klarissi flimkien mal-Familja Franġiskana mad-dinja kollha din is-sena qed infakkru s-750 sena mill-mewt ta' Ommna Santa Klara ta' Assisi. Għaldaqstant qed nibgħatlek ftit versi dwar Santa Klara biex, jekk jogħġbok, jidhru fir-rivista **Dawl Franġiskan**. Grazzi ħafna u prosit kemm saret dejjem aktar rivista attraenti.

*Sr. M.C. Saliba OSC - San Ġiljan*

• Għażiż Fr Joe Alessandro, naqra bil-qalb u nkun qed nistennieh minn darba għal oħra Dawl Franġiskan. Veru sabiħ! Kif kont qed naqra ġieni f'moħħi li forsi din is-sena, billi jaħbat iċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tagħna, Ulied il-Qalb ta' Ġesù, forsi ġġibli din il-kitba fuq il-fundatriċi tagħna, aktar u aktar li din is-sena twaqqaf it-tribunal biex jinstemgħu x-xhieda għall-proċess tal-beatifikazzjoni tagħha. Oħtok fi Kristu.

*Sr. S. Camilleri OSC - Mellieħa*

• Sur Editur, għal darb'oħra nixtieq nawguralek minn qiegħ qalbi tal-professjonalità kbira li biha tinħadem ir-rivista **Dawl Franġiskan**. Dan biex ma nsemmix il-ġid spiritwali li joħroġ mill-qari tagħha. L-uniku lment tiegħi jkun li tal-posta jitwuha. Hawn qed inġedded l-abbonament tiegħi. Grazzi.

*F.P. Attard - Victoria Għawdex*

• Għażiż Father, qiegħda nibgħatlek il-ħlas ta' l-abbonament, donazzjoni u xi rċevuti u *telecards*. Nixtieq ngħidlek grazzi ħafna tar-rivista **Dawl Franġiskan** u prosit tassew għax insibha interessanti ħafna. Jiena naqraha kollha. Fil-waqt li nselli għalik ħafna nitolbok tberikni. Oħtok fi Kristu.

*C. Sant - San Pawl il-Baħar*

minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap

# Il-Kapuċċini f'Għajn Dwieli, Raħal Ġdid Ħidma ta' 50 sena



*Dak li jgħid il-Malti: "Ta' bla ħsieb jirnexxi" twettaq bis-sħiħ bid-dħul ta' l-Aħwa Minuri Kapuċċini f'Għajn Dwieli, Raħal Ġdid.*

## Żewġ Persunaġġi Strumentali

F'Għajn Dwieli kien jgħix wieħed għani, is-Sur Pietru Pawl Micallef *(ritratt fuq)*, armel, anzjan ta' madwar 80 sena. Dan is-sinjur kien joqgħod f'dar kbira, jisimha *Canossa*, fi Triq Għajn Dwieli, fuq il-lemin kif tibda n-niżla li twassal sal-mina ta' Bormla. Ma' l-istess ħajt kien joqgħod ċertu żagħżugħ, is-Sur Agostino Xuereb, li kellu tieqa tinfetaħ fuq il-ġnien tas-Sur P.P. Micallef. Dik it-tieqa kienet ilha magħluqa bil-ġebel minn żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1942). Iżda ġara li f'xi ħin is-Sur Xuereb fetaħ it-tieqa u għamlilha bieba ġdida.

Is-Sur P.P. Micallef, malli ntebaħ bit-tieqa miftuħa, kien ħafif jikteb ittra lis-Sur A. Xuereb fejn qallu biex jerġa' jagħlaq dik it-tieqa fi żmien qasir, qabel ma jieħu passi skond il-liġi.



*Sant'Antnin meqjum fil-knisja ta' Għajn Dwieli.*

Is-Sur Xuereb qabad l-ittra, mar għand is-Sur Pietru Pawl u fissirlu kif dik it-tieqa kienet ilha hemm minn qabel il-gwerra u kull ma għamel kien li fetaħha mill-ġdid u bidlilha l-bieba għax ta' qabel kienet tfarrket fil-gwerra.

F'daqqa waħda s-Sur P.P. Micallef inbidel u kkalma għal kollox. Mhux biss, iżda saru ħbieb tassew.

Darba kien urieh li jixtieq iħalli d-dar tiegħu lil xi patrijiet jew sorijiet biex minnha jagħmlu kappella fejn ikun jista' jsir quddies, qrar u priedki għan-nies ta' Għajn Dwieli li kienu mbiegħda ħafna mill-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid u minn dik ta' Bormla.

Is-Sur Wistin Xuereb ftakar f'ħuh P. Dijonisju Xuereb u f'zijuh P. Kassjanu Bianco, it-tnejn Patrijiet Kapuċċini, u semmiehom mas-Sur Micallef. Dan malajr fehem il-messaġġ u ħatfu fil-kelma. Minnufih kiteb lill-Provinċjal



*Il-kappella fid-dar Canossa*



*Dehra minn barra tad-dar Canossa*

tal-Kapuċċini, P. Pietru Mamo mill-Furjana, fejn għarrfu bix-xewqa li kellu. Il-Kapuċċini ma qalux le għal din l-offerta. Is-Sur Pietru Pawl Micallef fis-16 ta' Frar 1953 għamel testment li bih ħalla ġidu kollu lill-Kapuċċini bil-kundizzjoni li wara mewtu jinbiegħ kollox u mill-qligħ tinbena knisja għall-iskop imsemmi.

Tabilħaqq li *ta' bla ħsieb jirnexxi*!

## Kappella fid-dar Canossa

Hu minnu li l-Kapuċċin aċċettaw bil-ferħ il-proposta tas-Sur P.P. Micallef. Iżda riedu xi ftit taż-żmien biex isiru t-tħejjijiet meħtieġa. Min-naħa l-oħra xi ħaġa riedet issir bla telf ta' żmien.



*It-tieni kappella li nbniet ħdejn id-dar Canossa*

Is-Sur P.P. Micallef ma tantx kien jaf jistenna, tant li kien għoddu wasal biex jibdel il-ftehim li kien għamel mal-Kapuċċini.

P. Dijonisju Xuereb sar jaf b'dan it-twehir mingħand ħuh Wistinu, għalhekk bi ftehim mal-Provinċjal P. Pietru Mamo, mar għand is-Sur Micallef biex jara sewwa d-dar *Canossa* u jara fejn setgħet issir xi kappella proviżorja. B'dan il-pass f'waqtu, is-Sur Pietru Pawl ħa r-ruħ u aċċetta malajr li ż-żewġ kmamar ta' barra fuq it-triq isiru waħda u tinbidel f'kappella tant mixtieqa mis-Sur Micallef. Inkisbu l-permessi meħtieġa l-awtoritajiet u fit-23 ta' Awissu 1953 il-Provinċjal P. Pietru Mamo bierek il-kappella. Is-Sur P.P. Micallef kien hieni għall-aħħar għax ra l-ħolma tiegħu ssir realtà. Hu kien l-ewwel wieħed li resaq jitqarben minn idejn il-provinċjal.

Minn dak inhar il-bqija tad-dar inqasmet fi tnejn: parti nżammet mis-Sur Micallef u parti serviet bħala kunvent żgħir għall-ewwel Kappuċċini li marru hemm. P. Venanzju Zammit, Definitur, ġie maħtur l-ewwel Rettur u kellu miegħu lil P. Innoċenz Delia OFMCap u lil P. Donat Spiteri OFMCap.

Kif wieħed kien jistenna u kif kienet ix-xewqa tas-Sur P.P. Micallef dik il-kappella kellha tkun iddedikata lil San Pietru u San Pawl. Iżda ġara li xbieha mdaqqsa ta' dawn iż-żewġ qaddisin flimkien biex titqiegħed fuq l-altar, ma nstabet imkien u ż-żmien tal-ftuħ tal-kappella kien qed joqrob. Fil-ħin tfaċċa Ġanni Portelli li kien joqgħod qrib id-dar tas-Sur Micallef u offra kwadru bix-xbieha ta' Sant'Antnin ta' Padova li kien miżmum f'daru. L-idea ntgħoġbot ħafna, is-Sur Micallef qabel magħha wkoll u ried li t-titular tal-kappella jkun Sant'Antnin, kif għadu sallum.

Mat-tberik u l-ftuħ tal-kappella beda jsir il-quddies kuljum u l-funzjonijiet liturġiċi skond iż-żmien. Barra n-nies tal-post bosta ħaddiema tad-*Drydocks* u ta' Kordin bdew isibu fil-Kapuċċini ta' Għajn Dwieli għand min iqerru biex jiksbu mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla.

Il-patrijiet għexu mas-Sur P.P. Micallef għal seba' snin sakemm miet fl-isptar Santa Katerina, f'Ħ'Attard, fit-12 ta' Marzu 1960.

Wara l-mewt tal-Provinċjal P. Pietru Mamo, li ġrat fil-15 ta' April 1956, issejjaħ Kapitlu għall-għażla ta' superjuri ġodda fil-21 ta' Mejju 1956 u ġie magħżul P. Timotju Attard mill-Belt bħala provinċjal ġdid. Dan ħatar lil P. Daniel Tabone rettur u superjur ta' Għajn Dwieli.

P. Daniel, flimkien mal-Fraternità ta' Għajn Dwieli, beda minnufih jaqdi d-dmirijiet pastorali tiegħu.

Il-poplu ta' Għajn Dwieli feraħ ħafna bil-wasla ta' P. Daniel u tħeġġeġ iżjed għal dak li kienu qed jagħmlu l-Kapuċċini.

## It-Tieni Kappella

P. Daniel ma damx ma ntebaħ li l-għadd tan-nies li kienu qed jiffrekwentaw il-kappella kien qed jiżdied kuljum u l-ħtieġa ta' kappella akbar iktar bdiet tinħass. P. Daniel tefa' għajnejh fuq biċċa art qrib id-dar tas-Sur Micallef u fi żmien 8 xhur bena kappella akbar u isbaħ mill-ewwel waħda. Fis-6 ta' Awissu 1957 tqiegħdet l-ewwel ġebla u nhar Għid il-Kbir, fis-6 ta' April 1958, P. Timotju Attard, provinċjal, bierek il-kappella l-ġdida u ċċelebra l-ewwel quddiesa b'sodisfazzjoni u ferħ tas-

Sur P.P. Micallef u tal-poplu ta' Għajn Dwieli. Il-Kapuċċini baqgħu jagħtu kull għajnuna spiritwali minn din il-kappella sa l-1965.

## Knisja minflok Kappella

Wara l-mewt tas-Sur P.P. Micallef fl-1960, il-Kapuċċini bdew jaħsbu biex iwettqu r-rieda tiegħu kif fissirha fit-testment tas-16 ta' Frar 1953.

F'medda ta' 10 snin, minn mindu nfetħet il-kappella fid-dar tas-Sur Micallef fl-1953, dik iż-żona kienet żviluppat ħafna bil-bini ta' djar ġodda u ta' industriji u għadha qed tiżviluppa u tikber sallum. L-art li fuqha s-Sur Micallef kellu d-dar u l-ġnien magħha ma kinitx kbira u wiesgħa biżżejjed għall-bini tal-knisja li dik iż-żona kienet titlob.

Il-Gvern ta' dak iż-żmien ukoll ra l-ħtieġa ta' knisja kbira, għalhekk indaħal hu biex intrebħet id-diffikultà billi ta biċċa art fuq l-għolja ta' Kordin lill-Patrijiet Kapuċċini b'ċens nominali għall-iskop imsemmi, b'kuntratt tat-23 ta' Frar 1962 iffirmat mill-Provinċjal P. Krispin Galea minn Għawdex (+1963).

Fuq dik l-art, il-patrijiet l-ewwel bnew, minn buthom, kunvent fejn setgħu jgħixu fi Fraternità. Dan il-kunvent inbeda fit-3 ta' Mejju 1962, fuq pjanta tal-Perit Chev. G. D'Amato u ġie mbierek u miftuħ mill-provinċjal P. Fortunatu Pulè mill-Birgu fit-13 ta' Settembru 1963.

## Il-Knisja tinbena f'Sena

Wara l-imwiet tal-povinċjal P. Krispin Galea u tal-Perit G. D'Amato li ġraw fl-istess jum nhar is-26 ta' Mejju 1963, ġie magħżul provinċjal P. Fortunatu Pulè. Dan, flimkien mal-Gwardjan ta' Għajn Dwieli, P. Robertu Gatt minn Għawdex, waqqfu kummissjoni biex tieħu ħsieb il-proġett tal-bini tal-knisja l-ġdida.

Il-Perit Edgar Caruana Montaldo u Godfrey Azzopardi ħejjew pjanta tal-knisja fuq stil Romaniku.

L-ewwel ġebla ġiet imbierka u mqiegħda f'postha mill-Arċisqof ta' Malta Mons. M. Gonzi fil-5 ta' April 1964 u l-aħħar ġebla bis-salib fuqha li għalqet il-frontispizju ttellgħet u tqiegħed f'postha fis-6 ta' April 1965 - sewwa sew f'għeluq is-sena ta' l-ewwel ġebla.

Bla telf ta' żmien issokta x-xogħol fuq ġewwa b'mod li fi żmien tliet xhur il-knisja kienet mgħammra u mogħnija b'dak kollu li titlob il-Liturġija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Misteri Qaddisa.

Hekk, fl-10 ta' Lulju 1965, jum is-Sibt fis-6.00 p.m., il-provinċjal P. Fortunatu Pulè bierek il-knisja l-ġdida u mexxa l-ewwel Quddiesa Konċelebrata.

Minn dak inhar sallum il-Patrijiet Kapuċċini ma waqfu qatt iwasslu t-tagħlim li ħallielna Sidna Ġesù Kristu fl-Evangelju tiegħu, taħt bosta għamliet ta' ħidma pastorali, soċjali u edukattiva. ❑



*Il-knisja ddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova*

### L-Għanja tal-Ħamsin: 1953 - 2003
***50 Sena mill-miġja tal-Kapuċċini f'Għajn Dwieli***

*minn Anton Haber OFS*

Qed infakkru l-Ħamsin Sena:
Meta r-Rħieb ta' San Franġisk -
Ġew hawn fostna n-nies t'Għajn Dwieli,
Magħhom ġabu l-barka ... r-riżq!

Ilqajniehom b'qalb ferħana,
U b'idejna miftuħin;
Għaliex fihom aħna rajna:
Lil Ġesù l-Bniedem Divin!

**Ref: Għandna knisja ... biex tinbena -**
**Ilkoll bqajna mistagħġbin:**
**Bdiet u ntemmet fi żmien sena -**
**Għaġeb kien ta' Sant'Antnin!!!**

Dan il-Maqdes ... Patrun għandu:
Lil ta' Padova l-kbir Qaddis!
Ifittxuh mhux biss t'Għajn Dwieli -
Għall-Maltin hu wisq għażiż!

Għeżież tagħna Kapuċċini:
Irroddulkom ħajr kull ħin -
Għall-quddies ... qrar ... w elf ħaġa oħra:
Li tajtuna f'dawn is-snin!

**Ref: Għandna knisja ... etc, etc.**



## Ordinazzjoni Presbiterali

Ħuna Mario Attard OFMCap ġie ordnat Presbiteru nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca.

F'kumment li għamel P. Mario qal: "Il-Patrijiet Kapuċċini kienu ta' eżempju ħaj ta' xi tfisser tkun saċerdot sempliċi u qaddis. Il-jum ta' l-ordinazzjoni hu jum ta' ferħ u ta' tama kbira, li l-Mulej tassew għadu jemmen fil-bniedem u jrid iqaddsu."

P. Mario ser jiċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr 'l Alla talli għoġbu jsejjaħlu bħala saċerdot ministru tiegħu fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin, nhar l-Erbgħa, 6 ta' Awissu, fil-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes f'San Ġwann, fis-6.00 p.m.

Minn qalbna nifirħu lil dan ħuna u nitolbu għalih ħalli jkun saċerdot reliġjuż għall-qalb ta' Alla u għall-ġid pastorali fost in-nies.

## Festa ta' Marija Omm ir-Ragħaj Divin

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2003, il-fraternità tal-Kalkara ċċelebrat il-festa tradizzjonali ta' Marija Omm ir-Ragħaj Divin fil-kappella tal-Postulanti li hi ddedikata proprju lill-Madonna taħt dan it-titlu. Peress li din il-festa għandha rabta mal-promozzjoni Missjunarja, ġie mistieden biex jippresiedi l-Ewkaristija, Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi fil-Kenja. Għal din l-okkażjoni kien hemm l-Aħwa kollha tal-Fraternità tal-Kalkara kif wkoll l-Aħwa fil-formazzjoni tal-bidu.



## Bidu tan-Novizzjat

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju 2003, **Ħuna Carmelo Aquilina**, wara li temm iż-żmien ta' sentejn bħala Postulandat fil-kunvent ta' Santa Liberata l-Kalkara, taħt id-direzzjoni ta' P. Franco Fenech u Br Dennis Calleja, ta bidu għas-sena tan-novizzjat fil-kunvent ta' Għajn Dwieli. P. Joe Saliba ser ikun il-mastru li jakkompanjah matul din is-sena. Din hija aħbar tassew sabiħa għall-Provinċja kollha li għandha tkompli timliena bit-tama.

Irroddu ħajr 'l Alla ta' kull sejħa li jagħmel u, filwaqt li nitolbuh ikompli jsejjaħ aktar żgħażagħ għall-ħajja reliġjuża, nitolbu għal dan ħuna Carmelo biex jissokta f'din il-mixja.

Ġeddidtu l-abbonament tiegħek?
Jekk le ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz lil:
Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14
DAWL FRANĠISKAN
B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.
Ċekkijiet / Money Orders għandom ikunu pagabbli lil: Fr. Joe Alessandro

# Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin



*Mons. Francis Baldacchino OFMCap waqt l-omelija.*





*Mumenti ta' animazzjoni waqt il-quddiesa: Is-sorijiet Kenjani jiżfnu (fuq nett) u l-istudenti Kapuċċini jdoqqu u jkantaw (fuq).*

*Isfel: Monsijur Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi fil-Kenja, flimkien mal-konċelebranti.*

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ġunju 2003, Solennità tat-Tlugħ il-Mulej fis-sema, is-Segretarjat tal-missjoni tal-Franġiskani Kapuċċini, f'isem il-Provinċja ta' Malta organizza JUM IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI MALTIN, bħalma għamel għal matul dawn l-aħħar snin.

Barra li sar talb u għotjiet ta' għajnuna fil-knejjes kollha tagħna l-Kapuċċini matul il-ġimgħa ta' qabel, dak inhar ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr 'l Alla u ta' talb għall-missjunarji kollha. Iċ-ċelebrazzjoni kienet ippresjeduta minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Iqsof ta' Malindi fil-Kenja, assistit minn P. George Bezzina u P. Joe Galea, it-tnejn missjunarji għal ħafna snin, flimkien ma' diversi Aħwa oħra saċerdoti u reliġjużi.

Iċ-ċelebrazzjoni kienet waħda animata ħafna kemm bil-kant u d-daqq tal-istudenti tagħna kif ukoll biż-żfin ta' sorijiet Kenjani tal-Ulied il-Qalb ta' Ġesù u tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn is-sorijiet Kenjani jinsabu Malta għal studju ta' *nursing* u huma frott tal-ħidma li dawn iż-żewġ kongregazzjonijiet Maltin qed iwettqu fil-Kenja. Il-parteċipazzjoni u l-attendenza tal-ħbieb u l-benefatturi tal-missjoni kienet tajba ħafna.

Ħajr lil Alla u lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ħidma missjunarja.







minn Jeanette Falzon

# Veronique

Inħares fil-mera u nieħu pjaċir inħares lejn wiċċi, wiċċ li għal ħafna snin kien idejjaqni bħal kull ħaġa oħra fija nnifsi. Sa minn mindu kont żgħira kulħadd kien jitħassarni jew jgħajjarni bid-difett tiegħi li m'ilniex wisq li aċċettajt. Tfuliti qattajtha d-dar kemm jista' jkun u żgħożiti lanqas naf kif għaddiet. Ħbieb ma kellix u dejjem m'ommi ħriġt. Kont inħossni kkalzrata ġod-difett tiegħi stess u kont inħossni li ma stajt nagħmel xejn biex infiq.

Sa minn mindu bdejt nitkellem kont intemtem, l-aktar meta kont nibża' jew neċita ruħi. Ommi u missieri ppruvaw joħduni għand tobba u speċjalisti biex ifejquni iżda kulħadd kien jgħidilhom li kienet xi ħaġa psikoloġika jew tal-adolexxenza. Ħassejt li għalija kien tard wisq biex infiq għalhekk qtajt qalbi u bqajt kif kont.

B'xorti tajba ma qtajtx qalbi mill-iskola u sibt xogħol tajjeb ġo kumpanija. Iżda għalkemm kont bdejt ħajja ġdida, qalb nies ġodda, xorta kont inħossni waħdi u mdawra b'nies li moħħhom fija.

Kont naħseb li kulħadd kien jgħid minn wara darhi u jidħaq bija ma' l-oħrajn, għalhekk kunfidenzi dejjem bżajt nagħti. Sirt tfajla normali bis-saħħa tal-laqgħa tiegħi ma' Lawrence. Sirt nafu b'kumbinazzjoni fuq l-istejġ tal-korazza tal-linja. Jien kont tiela' tal-linja biex inħallas u hu kien warajja. X'ħin ġejt biex ngħid lix-xufier fejn ridt nieqaf, infxilt bħas-soltu u bdejt inlaqlaq. Lawrence, fil-pront, ikkalmani u rrisponda hu minn floki. Kont diġa' bdejt nara lil xi ħadd jidħaq bija, iżda Lawrence dlonk poġġa ħdejja u ħarsilhom bl-ikrah.

"Tagħtix kashom. Kulħadd għandu xi jxomm taħt idejh u ħadd mhu perfett. Inti mir-raħal hux, għax dejjem narak hawn fuq l-istejġ meta nkun sejjer ix-xogħol bil-karozza," qalli bit-tbissima; iżda jien ma rrispondejtux bil-biża' li kelli li nerġa' naqa' għaċ-ċajt quddiemu. Kompla jitħaddet u jirrakkontali dwaru u jien qgħadt nisimgħu iżda ma ddejjaqtx. Qabel ma niżel mix-xarabank, qalli: "Għidli x'jismek imqar; biżżejjed għalija."

"Ver, Veronique," weġibtu misthija.



"Il-ġurnata t-tajba Veronique. Narak!" qalli u niżel mix-xarabank. Dak inhar mort kuntenta ħafna x-xogħol allavolja ma kien ġara xejn speċjali u l-għada fuq l-istejġ reġa' kien hemm Lawrence.

"Illum ser tkellimni ftit Veronique? Jekk le, nibda nieħu għalija," qalli filwaqt li reġa' poġġa ħdejja.

"Għadha bil-ħsara l-karozza?" staqsejtu mbissma u bla tlaqliq.

"Le, sewwejtha, imma għoġobni l-vjaġġ b'tal-linja," weġibni u tbissimtlu.

Wara dak inhar bqajna naraw lil xulxin fuq l-istejġ u beda jirnexxili nitkellem miegħu bla tlaqliq u b'inqas mistħija. Darba ltqajna wara x-xogħol il-Belt u stedinni għal kafè. Kont ħadt grazzja miegħu ħafna għax bis-sinċerità tiegħu kien għeni nitkellem bla mistħija. Almenu miegħu ma kontx bqajt nistħi. Fi kliem ieħor, meta kont narah u nkellmu kont bdejt inħossni normali, attraenti u għalhekk bdejt nitħajjar nieħu ħsieb iżjed l-apparenza tiegħi. Tad-dar ukoll indunaw bil-bidla tiegħi l-iktar għaliex bdejt nitkellem iktar u bla problemi.

Wara xi xahar li bdejt noħroġ miegħu sirt naf mingħandu stess li kellu ħuh mutu. Ħassejtni ridikola f'daqqa waħda għax bdejt naħseb li Lawrence kien baqa' joħroġ miegħi għax kien jitħassarni biss. Ftit ftit u b'ħafna skużi bdejt naqta' minn miegħu iżda baqa' jfittixni. Kont erġajt waqajt għall-problema li kelli biex nitkellem u rrassenjajt ruħi li ser nibqa' waħdi.

Darba kont qiegħa d-dar għax ix-xogħol ma kontx mort, u ġie Lawrence ikellimni d-dar. Qatt ma kien ġie għandi u nħsadt meta rajtu fil-bieb tad-dar tiegħi.

"Għaliex mgħadekx tirrispondi t-telefon meta nċempillek ix-xogħol jew id-dar? Mela ddejjaqt jew offendejtek b'xi ħaġa mingħajr ma ridt?" staqsieni u jien weġibtu li ma ridtx rabta.

"Allura ndunajt li ma ridtx rabta meta bdejt niftaħ qalbi dwar ħija?" weġibni u jien baxxejt rasi mifxula.

"Skandalizzajt ruħek jaqaw meta għedtlek dwar il-problema ta' ħija? Għid id-dritt!" reġa' qalli.

"Jien ma rrid lil ħadd jitħassarni ... ma rridekx toħroġ miegħi għax tiġik ħniena minni, għax tikkumpatini jew għax titħassarni għax imdorri tgħix ma' min hu bħali," għedtlu.

"Mela x'qed taħseb li inti, għid? Xi disgrazzjata jaqaw? Xi wiċċ il ħniena? Jiena ma nitħassar lil ħadd. X'għandkom agħar minn ħaddieħor inti u ħija? Ħsibtek tafdani iktar. Jien xtaqt inkompli miegħek għax sirt inħobbok kif inti u mhux għax nitħassrek. Inti mgħandek xejn inqas minn ħaddieħor. Meta tirrealizza b'dan kollu li għedtlek, ejja fittixni inti, inkella ma taraniex iżjed b'għajnejk," qalli xi ftit irrabjat, u telaq.

Il-ġranet u l-iljieli ta' wara dak inhar qattajthom nhewden fuq kliemu sinċier li kien ħasadni bih. Ix-xogħol kont inkun qisni fil-qamar, u d-dar dejjem bid-dwejjaq. Iddeċidejt li ma stajtx inkompli sejra hekk iżjed, u mort inkellmu. Laqgħatni ommu, li tgħidx kemm daret bija u faħħritni, bħallikieku kienet ilha tafni żmien. Imbagħad ġie ħuh Philip li mill-ewwel ħadt grazzja miegħu. Ġie Lawrence iktar tard, u għall-ewwel ħsibtu ħa qatgħa bija. Iżda mbagħad ħallewna nitkellmu fil-kwiet u serraħt moħħi li għamilt ħaġa tajba li mort għandu.

"Għandek familja vera ħelwa u ferriħija, Lawrence. Ġejt biex taħfirli," għedtlu.

"Naħfirlek ta' xiex?" staqsieni.

"Ta' kollox, talli ġġudikajtek ħażin, talli ma rringrazzjajtek qatt talli għentni noħroġ mill-problema tiegħi ... u jien, minn fuq, ittrattajtek ta' barrani u ridt inbiegħdek minni," għedtlu bla temtim ta' xejn. Hu resaq lejja. Resaq lejja u għannaqni.

"Inti kull ma kellek bżonn ftit imħabba u stima lejk innifsek minnek stess. Jien qatt ma tħassartek iżda fhimtek. Temminni issa?" qalli.

"Iva, Lawrence, nemmnek .. mgħadnix nibża' ngħid dak li nħoss ... inħossni mara normali issa ... ejjew kulu għandna l-lejla, Lawrence. Ommi diġà taf bikom," għedtlu, u hu aċċetta mill-ewwel.

Illum il-ġurnata ninsabu miżżewġin u qed nistennew l-ewwel tarbija tagħna għal Diċembru. Id-difett li kelli sa tliet snin ilu għosfor u qatt ma reġa' tfaċċa f'ħajti. Il-problemi ta' kuljum ma jonqsux. Għad għandna d-dar nofsha vojta imma nafu li bil-mod il-mod naslu fejn irridu, flimkien.

Veronique kibret u saret mara bis-saħħa ta' ġuvni li għallimha tafda f'ħaddieħor u fuq kollox fiha nfisha. ❑



## *KLARA T'ASSISI*

*minn Sr. Marie Carmel Saliba OSC*



Klara tfajla nobbli u twajba,
Dejjem xtaqet tħobb lil Kristu.
Fehmet dan kif tista' tagħmlu
Meta semgħet lil Franġisku.

Trid titgħarras ma' Ġesù.
Fqira u umli, tgħix migbura,
Qalbha ttiH u tagħmel bħalU,
M'aħwa oħra f'talb magħquda.

Lejla waħda f'Ħadd il-Palm,
Libset l-isbaħ ilbies tagħha,
U minn darha fid-dlam ħarbet,
Sieħbha ġriet ferħana magħha.

B'ġirja marret il-Porzjunkola,
Fejn stennewha sħab Franġisku,
F'talb ħerqana għal oħthom Klara
Li ngħatat b'imħabba 'l Kristu.

Xagħarha qata' s-Serafiku,
Għarkubbtejha ħdejn l-altar
Dedikat 'l Ommna Marija,
U lil Alla kkonsagraha.

Warrbet it-tlellix tad-dinja,
Kumdità, ikel mill-aqwa,
L-ilbies fin u l-ġawhar tagħha
Għall-kurdun u tonka fqira.

Bħalha għamlu tfajliet oħra.
Ħallew l-għożża tal-familja
Biex bħal aħwa, ulied Franġisku,
Jaqdu 'l Kristu f'San Damjan.

Klara kienet dawl u mera
Ta' Ġesù, umli u fqir,
Wriet lil ħutha din it-Triq:
Glorja u dija tal-Missier.

'Privileġġ' għal Klara kien
Tafda biss f'Alla l-Missier,
Li jipprovdi bla waqfien
Lil uliedu ċ-ċkejknin.

Biex tgħix fqira kkumbattiet,
Ħalliet Regola għas-Sorijiet
Li l-Knisja approvat
U b'mewta hienja ħalliet l-art.

# TISLIBA 36

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*



1. u 5. *Nirringrazzja* lil Alla. (Rum 1, 8) (5,4)
2. Ta' filgħodu din. (2 Pt 1, 19) (6)
3. ... tarf il-problema. (Koħ 7, 27) (5)
4. Hekk għamlu bija l-ġirien. (Tob 2, 8) (5)
5. Ara 1.
6. Tal-foqra. (Prov 10, 15) (5)
7. Għandu mnejn .... (Għam 5, 15) (5)
8. Fl-inħawi ta' dil-belt. (2 Kor 11, 10) (5)
9. Il-ktieb ta' Żakkarija. (3)
10. Hekk għamel bis-sħiħ (Num 16, 15) (7)
11. u 12. Xejn mingħand dawn. (3 Ġw 7) (6)
13. Hekk nagħmel għall-art. (Mal 3, 24) (5)
14. ... u kulu. (Ġak 2, 16) (5)
15. Għamel borom, dawn u bwieqi. (2 Kron 4,11) (5)
16. It-tined ta' .... (Ħab 3, 7) (5)
17. Fuq dan ġdid. (Ħag 1, 11) (5)
18. Sultan ta' l-Asja. (2 Mak 3, 3) (7)
19. Ħa n-natura ta' dan (Fil 2, 7) (4)
20. Dan kien sar ġmielu. (Mk 6, 35) (3)
21. Dak li għalih se ... (Ġw 13, 26) (5)
22. ... se nikkastiga s-sultan. (Ġer 50, 18) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' ĠUNJU / LULJU:***

*1. Sħiha; 2. Eġittu; 3. Saħħa; 4. Eħfef; 5. Ulaj; 6. Nixfu; 7. Ħeġġa; 8. Ħalli; 9. Ħut; 10. Ħrejjef; 11. u 12. Kuraġġ; 13 Ġnejna; 14 Xkora; 15 Idoli; 16 Emmnu; 17 Itlaq; 18 u 20 Kmandament; 19. Armi; 20. Ara 18.; 21. Romol; 22. Ninfa.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: Ms. Connie Attard Bason – Pietà**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).**

minn Br Dennis Calleja OFMCap

# Mid-Disco għall-Kunvent









Anna Nobili, wara li għaddiet numru ta' snin fi ħruġ u żfin sfrenat fl-aqwa diskoteki popolari ta' l-Italja, għażlet li tidħol soru u tiddedika ruħha għal min hu fil-bżonn.

F'intervista li għamlet ma' *Mondo Voc*, rivista Taljana li twassal lill-qarrejja tagħrif u aġġornament fuq il-vokazzjonijiet reliġjużi, Suor Anna stqarret l-istorja ta' ħajjitha u kif fl-aħħar ħasset is-sejħa li tingħaqad mas-Sorijiet tad-Dar Imqaddsa ta' Nazaret.

"Bdejt niżfen fid-diskoteki ta' ħmistax-il sena u bqajt għaddejja f'din il-ħajja sa ma għalaqt il-wieħed u għoxrin. Kien iebes għalija u nista' ngħid li f'dak iż-żmien jien kont tlaqt ir-riedni. Kont immur niżfen kuljum u ma nidħolx id-dar qabel jisbaħ."

"Kont noħroġ għal xi nofs il-lejl u nagħmel sa xi l-erbgħa ta' filgħodu niżfen bla ma nieqaf, imbagħad nerġa' nkompli minn xi l-erbgħa sa xi t-tmienja. Ma kontx nehda. Jekk nixba' fil-postijiet ta' Milan, arani nfittex xi mkien ieħor, bħal Amsterdam. Min jaf kemm-il darba mort u għamilt xi erbat ijiem hemm! Kont immur fl-aktar postijiet popolari u minn hemm bdejt immiss l-alkoħol u niġri ma' dak u ma' l-ieħor."

"Iżda ftit ftit bħal donni bdejt nitbiegħed minn din id-dinja. Darba fost l-oħrajn inzertajt dħalt il-knisja. Minn dak inhar bdejt immur il-knisja kull nhar ta' Ħadd. Fil-knisja ma nafx x'kien jiġrili. Kont nibda nibki u ma nkunx nista' nieqaf. Qisni kont inħoss bħal preżenza differenti. Meta nħares madwari bdejt nara ħafna żgħażagħ ferħanin li kienu jħobbu lil xulxin b'mod sempliċi, qisha d-dinja tagħhom kienet ta' vera, mhux falza bħal dik li kont fiha jiena," kompliet tgħid.

"Ftit wara ġietni l-opportunità li nattendi rtir fil-monasteru ta' Carlo Carretto fi Spello. Hemmhekk jien tlabt ħafna u għamilt ħafna meditazzjoni profonda. Imbagħad darba, waqt li kont għaddejja minn misraħ Santa Kjara t'Assisi, waqt li kont qed inħares lejn is-sema u napprezza n-natura, il-Mulej Alla sejjaħli u dak il-waqt għaraftU bħala l-Ħallieq waħdieni u aħna l-bqija tal-ħolqien tiegħu."

"Ħassejt qalbi trid tinqasam b'ferħ mhux tas-soltu. Bdejt naqbeż mhux kif kont nagħmel qabel biex inħajjar lill-irġiel imma biex nagħti ħajr lill-Mulej. Fl-aħħar kont sibt dak li kont dejjem infittex."

Hawn għamlet twissija liż-żagħżagħ fejn qalet: "Il-problema mhix li tmur jew ma tmurx tiżfen fid-diskoteki imma kif se jirnexxilek iżżomm ruħek 'l bogħod mill-ħafna relazzjonijiet fiergħa li jaqbduna f'nassa. Ħa mmorru mela niżfnu fid-diskoteki, imma ma' Ġesu. Hija ħaġa normali li ż-żgħażagħ imorru jfittxu l-frugħa u x-xalar li ġġib magħha l-ħajja ta' bil-lejl. Imma ħafna drabi l-iljieli barra jwassluhom biex mir-ribelljoni jgħaddu għall-perverżjoni."

Issa din is-soru trid tgħaddi l-bqija ta' ħajjitha taħdem biex tgħin lil min hu fil-bżonn kif inhi s-sejħa ta' l-Ordni Reliġjuż li ħaddnet. ❑

# Ħames snin ilu




Ħames snin ilu, fis-7 ta' Awissu 1998, ftit sigħat wara li mijiet ta' nies tilfu ħajjithom fl-isplużjonijiet li seħħew ma' l-ambaxxati Amerikani ta' Nairobi, fil-Kenja, u ta' Dar Es Salam, fit-Tanzanija, xi nies fanatiċi ħebbew għall-istazzjon tal-missjoni tal-Kapuċċini f'Wajir. Minbarra l-ħsarat li għamlu fid-dar u fil-karozza tal-patri, daħlu fil-knisja, u fost il-ħerba li għamlu, tefgħu it-tabernaklu bis-Sagrament ma' l-art u kissru l-kurċifiss (ara ritratt). Sallum, dan il-kurċifiss għadu mingħajr dirgħajn.

Kristu m'għandux bżonn ta' par dirgħajn tal-ġibs, iżda par tal-laħam. Għandu bżonn id-dirgħajn ta' saċerdoti biex ikomplu jxerrdu, bil-kelma u bl-għemil, il-messaġġ ta' mħabba lil tant nies fil-bżonn.

**Int ukoll tista' tgħin billi tagħmel BORŻA TA' STUDJU**

BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil
Fr. Joe Alessandro
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini
Floriana
Tel: 2123 3 874
2123 4949 / 2122 5525